REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1029

tat-24 ta' Ġunju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu

Billi:

1. **SFOND**

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([3]), il-Kummissjoni Ewropea imponiet miżura ta' salvagwardja definittiva fuq ċerti prodotti tal-azzar ("is-salvagwardja"), li tikkonsisti minn kwoti tariffarji ("TRQs") fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar ("il-prodott ikkonċernat") li jinkludu 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar, stabbiliti f'livelli li jippreservaw il-flussi kummerċjali tradizzjonali għal kull kategorija ta' prodott. Tariffa doganali ta' 25 % tapplika biss jekk jinqabżu l-limiti kwantitattivi ta' dawn it-TRQs. Il-miżura ta' salvagwardja ġiet imposta għal perjodu inizjali ta' tliet snin, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2021.

(2) Fil-15 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet talba sostanzjata minn tnax-il Stat Membru tal-UE biex teżamina, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/755, jekk il-miżura ta' salvagwardja eżistenti jenħtiġx li tiġi estiża.

(3) Il-Kummissjoni qieset li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza biex tagħti bidu għal investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza/estensjoni. Għalhekk, hija ppubblikat Notifika ta' Bidu ([4]) ("in-Notifika ta' Bidu") f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-26 ta' Frar 2021.

2. **PROĊEDURA**

(4) Sabiex twettaq valutazzjoni xierqa dwar jekk il-miżura ta' salvagwardja għadhiex meħtieġa biex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju, dwar jekk l-industrija tal-azzar tal-Unjoni hijiex qed taġġusta lilha nfisha, u jekk din l-estensjoni tikkonformax mal-interess usa' tal-UE, il-Kummissjoni ġabret *data* speċifika mill-industrija tal-Unjoni permezz ta' kwestjonarji ([5]). Din id-*data* kienet tinkludi, fost oħrajn, l-evoluzzjoni ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu 2018-2020 ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni"), kif ukoll evidenza li l-industrija qed taġġusta.

(5) Il-Kummissjoni fittxet ukoll il-pożizzjoni ta' partijiet interessati oħrajn dwar estensjoni potenzjali. Għal dan il-għan, in-Notifika ta' Bidu stiednet lill-partijiet interessati biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni billi jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom u evidenza ta' sostenn.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi, (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27) ("ir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva").

([4]) Notifika ta' bidu dwar il-possibilità li tiġi estiża l-miżura ta' salvagwardja applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU C 66, 26.2.2021, p. 50.

([5]) Il-verżjonijiet miftuħa tat-tweġibiet għall-kwestjonarju huma disponibbli għall-ispezzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl miftuħ tal-investigazzjoni: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI (aċċessibbli għal partijiet interessati rreġistrati).

(6) F'termini ta' proċess ġust, l-investigazzjoni tar-rieżami ta' estensjoni kienet tinkludi proċedura bil-miktub f'żewġ stadji, li skontha, il-partijiet interessati l-ewwel issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom u, sussegwentement, ingħataw il-possibilità li jirribattu l-osservazzjonijiet tal-partijiet l-oħrajn u jissottomettu kummenti dwar it-tweġibiet għall-kwestjonarju. B'kollox, il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 150 tweġiba individwali għall-kwestjonarju u aktar minn 160 sottomissjoni minn partijiet interessati qabel l-iskadenzi stabbiliti. Il-Kummissjoni offriet ukoll lill-partijiet interessati l-possibbiltà ta' seduti ta' smigħ, jekk iġġustifikati kif xieraq. Kien biss il-Gvern tal-Federazzjoni Russa li għamel użu minn din il-possibbiltà ([6]).

(7) Fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' estensjoni tagħha, il-Kummissjoni vvalutat l-ewwel jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti tan-neċessità u l-aġġustament, obbligatorji skont ir-regoli kemm tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO) kif ukoll tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara t-Taqsima 3). It-tieni nett, hija vvalutat ukoll liema tul u termini ta' liberalizzazzjoni għall-estensjoni jkunu ġġustifikati (ara t-Taqsimiet 3.3 u 3.4 rispettivament). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni vvalutat jekk din l-estensjoni tkunx f'konformità mal-interess tal-Unjoni (ara t-Taqsima 5). Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset sewwa l-osservazzjonijiet u l-evidenza li rċeviet mill-partijiet interessati, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli pubblikament, b'rabta mal-mistoqsijiet ta' hawn fuq. Il-Kummissjoni indirizzat speċifikament id-dikjarazzjonijiet rilevanti li saru mill-partijiet interessati li jiddevjaw mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'Taqsima ddedikata (ara t-Taqsima 7).

3. REKWIŻITI LEGALI

3.1. Neċessità

(8) Skont l-Artikolu 7.1 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji tad-WTO u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-UE (UE) 2015/478 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([7]), il-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja jista' jiġi estiż sakemm il-miżura ta' salvagwardja tkompli tkun neċessarja u jkun hemm evidenza li l-industrija qed taġġusta lilha nfisha.

(9) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat u ddeskriviet is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li rċeviet (it-Taqsima 3.1.1). Sussegwentement, il-Kummissjoni vvalutat jekk, u sa liema punt, il-pressjoni tal-importazzjoni kienet teżisti jew kompliet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (it-Taqsima 3.1.2.). Din il-valutazzjoni kienet tinkludi analiżi dettaljata tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u tal-użu tat-TRQs matul il-perjodu ta' applikazzjoni tas-salvagwardja, kif ukoll valutazzjoni dettaljata ta' bosta fatturi rilevanti oħra biex tiġi ddeterminata l-imġiba probabbli tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, jekk il-miżura ta' salvagwardja titħalla tiskadi ("analiżi kontrofattwali").

3.1.1. *Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni*

(10) Sabiex tivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni ħarġet kwestjonarji lill-produtturi tal-azzar magħrufa tal-Unjoni biex tiġbor informazzjoni rigward l-indikaturi tad-dannu dwar il-prodott ikkonċernat matul il-perjodu 2018-2020 ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni"). Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija magħrufa tal-Unjoni (EUROFER, ESTA u CET) biex iqassmu l-kwestjonarji fost il-membri individwali tagħhom. Barra minn hekk il-Kummissjoni nnotifikat lill-produtturi magħrufa tal-Unjoni, permezz tas-sistema ta' fajls miftuħin (TRON) ([8]), bit-talba biex jimlew il-kwestjonarji li kienu disponibbli wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ ([9]).

(11) Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 150 tweġiba individwali għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll sottomissjonijiet konsolidati ta' *data* mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija magħrufa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet individwali għall-kwestjonarju mingħand kull produttur li kien ipprovda d-*data* lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija individwalment u mingħand produtturi li ma kinux jappartjenu għal xi assoċjazzjoni. Il-Kummissjoni mbagħad ipproċessat id-*data* li rċeviet. Hija l-ewwel ikkonsolidat id-*data* riċevuta direttament mingħand membri ta' assoċjazzjonijiet, u aktar tard ikkontroverifikat il-preċiżjoni tagħhom u l-metodoloġija ta' konsolidazzjoni mas-sett tad-*data* sottomess mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija f'sessjonijiet mill-bogħod ta' kontroverifika ddedikati li seħħew fl-14 ta' Ġunju 2021. Il-Kummissjoni mbagħad amalgamat it-tweġibiet tal-membri tal-assoċjazzjoni flimkien mat-tweġibiet individwali riċevuti mill-produtturi li ma jappartjenux għal xi assoċjazzjoni, f'sett tad-*data* konsolidat. Dan is-sett tad-*data* jikkostitwixxi l-bażi għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Il-valutazzjoni ta' dan is-sett tad-*data* (fit-Tabelli 1 sa 4) wriet dan li ġej:

([6]) Fit-8 ta' April 2021 saret seduta ta' smigħ virtwali bejn il-Kummissjoni u l-Gvern Russu.
([7]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83 tas-27.3.2015).
([8]) https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI (aċċessibbli biss mill-partijiet interessati rreġistrati).
([9]) Disponibbli fuq is-sit web iddedikat ta' DĠ TRADE għall-investigazzjoni (aċċessibbli għall-pubbliku).

(a) Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet

Tabella 1

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet

f'000 tunnellata	2018	2019	2020
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat	200 416	189 459	168 675
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*84*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat	252 367	252 461	251 864
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità	79,41 %	75,04 %	66,97 %
Ħażniet	21 464	20 000	18 251
indiċi 2018 = 100	*100*	*93*	*85*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(12) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni naqas b'mod stabbli sena wara sena, bi tnaqqis ta' -5 % fl-2019 u bi tnaqqis aktar qawwi ta' -16 % fl-2020, meta mqabbel maċ-ċifri tal-2018. Ir-ripartizzjoni trimestrali tal-2020 ([10]) turi li dan it-tnaqqis kien immotivat fil-biċċa l-kbira mill-prestazzjoni fit-tieni u fit-tielet trimestri, li kienu dawk l-aktar milquta mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu u, għalhekk, l-użu tal-kapaċità segwa xejra ta' tnaqqis f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni (Ara t-Tabella 1). Fl-aħħar nett, il-ħażniet naqsu b'7 % fl-2019 u bi 15 % fl-2020 meta mqabbla mas-sena 2018.

(b) *Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-sehem mis-suq tal-Unjoni* ([11])

Tabella 2

Konsum, bejgħ domestiku u sehem mis-suq tal-Unjoni

	2018	2019	2020
Konsum f'000 tunnellata	167 140	157 120	139 955
indiċi 2018 = 100	*100*	*94*	*84*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata	132 960	127 448	114 936
indiċi 2018 = 100	*100*	*96*	*86*
Sehem mis-suq f'%	79,6 %	81,1 %	82,1 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

(13) Il-konsum fis-suq tal-Unjoni beda jonqos fl-2019 (-6 %), u din ix-xejra kompliet fl-2020 (-16 %) meta mqabbla mas-sena 2018. L-evoluzzjoni tal-volum tal-bejgħ domestiku mill-produtturi tal-Unjoni segwiet xejra simili ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (-4 % fl-2019 u -14 % fl-2020). Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni żiedet is-sehem mis-suq tagħha b'aktar minn 2 punti perċentwali.

([10]) Id-*data* fuq bażi trimestrali għas-sena 2020 hija inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

([11]) Billi t-tweġibiet għall-kwestjonarju ma jinkludux kull produttur tal-azzar fl-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ġie kkalkulat abbażi tad-data dwar il-konsum, id-data dwar l-importazzjoni u d-data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(c) Il-prezz tal-bejgħ ta' unità, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq il-kapital użat

Tabella 3

Prezz tal-bejgħ ta' unità, profittabbiltà [12]**, fluss tal-flus u redditu fuq il-kapital użat**

	2018	2019	2020
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata)	763	725	666
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*87*
Profittabbiltà (% tal-fatturat)	5,7 %	-0,4 %	-3,7 %
Fluss tal-flus (miljun EUR)	7 456	6 798	6 386
indiċi 2018 = 100	*100*	*91*	*86*
Redditu fuq il-kapital użat (%)	8,6 %	-2,6 %	-19,4 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

(14) L-indikaturi tad-dannu relatati mal-volum ta' bejgħ (ara t-Tabella 2) u l-valur raw tnaqqis kontinwu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu b'mod konsistenti b'5 % fl-2019 u bi 12 % fl-2020 meta mqabbla mal-2018. Il-fluss tal-flus u r-redditu fuq il-kapital użat iddeterjoraw ukoll sena wara sena matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'dan tal-aħħar jilħaq ċifri negattivi kemm fl-2019 (-2,6 %) kif ukoll fl-2020 (-19,4 %).

(15) It-tnaqqis fil-prezzijiet flimkien mat-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ, deskritt fit-Tabelli 1 u 2, diġà kien bidel lill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni fejn kienet qed tagħmel telf fl-2019 (-0,4 %) u s-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora fl-2020, fejn laħqet telf ta' -3,7 %.

(d) Impjieg

Tabella 4

Impjieg

(FTE)	2018	2019	2020
Impjieg	215 359	215 620	202 331
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*94*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(16) L-impjieg baqa' stabbli fl-2019, iżda naqas b'6 % fl-2020 meta mqabbel mal-2018.

Konklużjoni

(17) Id-*data* fit-Taqsima 3.1.1. uriet li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet diġà ddeterjorat b'mod sinifikanti fis-sena 2019, meta l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf, bi kważi l-indikaturi tad-dannu kollha juru xejra negattiva qawwija. Għandu jiġi osservat li mill-2018 sal-2019, il-profittabbiltà esperjenzat tnaqqis qawwi ta' 6,1 punti perċentwali biex laħqet -0,4 % fi tmiem l-2019. Dan id-deterjorament serju għalhekk seħħ ferm qabel il-bidu mhux mistenni tal-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti li rriżultaw minnha fuq is-suq. Il-pożizzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kompliet tiddeterjora matul l-2020, meta l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 komplew jikkumplimentaw id-dgħufija tal-pożizzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni prodotta mill-kontinwazzjoni, matul l-2020, tal-pressjoni tal-importazzjoni eżerċitata mill-esportaturi lejn l-Unjoni. L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 żiedu mal-periklu kontinwu għall-pożizzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kkawżat mill-pressjoni tal-importazzjoni. L-importazzjonijiet, flimkien ma', sa ċertu punt il-pandemija tal-COVID-19, xeħtu lill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni finanzjarja serja b'telf ta' -4 %. Għandu jiġi enfasizzat li l-impatt addizzjonali

[12] Ikkalkulata fuq il-bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni.

tal-kriżi kkawżata mill-pandemija fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, li aggrava d-deterjorament diġà eżistenti kkawżat mill-importazzjoni, kien bi tqabbil iżgħar. Mill-2019 sal-2020, il-profittabbiltà naqset bi 3.3 punti perċentwali biex tilħaq telf ta' kważi -4 %. Għalhekk, il-pandemija tal-COVID-19 amplifikat sors ta' dannu serju preeżistenti u kontinwu għall-industrija tal-Unjoni, li huwa prinċipalment immotivat mill-importazzjonijiet.

(18) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni għalhekk sabet li, matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kompliet tmur għall-agħar bħala riżultat tal-pressjoni tal-importazzjoni matul perjodu fejn l-aġġustamenti importanti li saru mill-industrija tal-Unjoni għadhom ma pproduċewx effetti pożittivi.

Analiżi addizzjonali għal kull familja ta' prodotti

(19) Il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tas-sitwazzjoni ekonomika u tal-iżvilupp ta' indikaturi tad-dannu għall-prodott ikkonċernat fit-Tabelli 1 sa 4, li l-industrija tal-Unjoni kompliet tmur għall-aħar bejn l-2018 u l-2020 u attwalment tinsab f'sitwazzjoni fraġli.

(20) Minbarra din is-sejba, u f'konformità mal-approċċ segwit fl-investigazzjoni oriġinali, ([13]) il-Kummissjoni kkonfermat ukoll is-sejbiet tagħha abbażi ta' tliet familji ta' prodotti, jiġifieri prodotti ċatti, prodotti twal u tubi ([14]).

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet

f'000 tunnellata	2018	2019	2020
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (ċatti)	150 598	143 287	126 795
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*84*
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (twal)	41 395	38 879	35 769
indiċi 2018 = 100	*100*	*94*	*86*
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (tubi)	8 423	7 293	6 111
indiċi 2018 = 100	*100*	*87*	*73*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (ċatti)	184 802	184 682	183 924
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*100*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (twal)	54 755	55 013	55 278
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*101*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (tubi)	12 810	12 767	12 661
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*99*
Użu tal-kapaċità (ċatti)	81,49 %	77,59 %	68,94 %
Użu tal-kapaċità (twal)	75,60 %	70,67 %	64,71 %
Użu tal-kapaċità (tubi)	65,75 %	57,12 %	48,27 %

([13]) Ir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva, il-premessa (47).
([14]) Għal deskrizzjoni sħiħa tal-familji ta' prodotti, ara l-Premessa (21) tar-Regolament dwar Salvagwardji Definittivi.

Ħażniet (ċatti)	13 712	13 549	12 354
indiċi 2018 = 100	*100*	*99*	*90*
Ħażniet (twal)	4 859	4 469	4 146
indiċi 2018 = 100	*100*	*92*	*85*
Ħażniet (tubi)	2 893	1 982	1 751
indiċi 2018 = 100	*100*	*69*	*61*

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

Tabella 6

Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-sehem mis-suq tal-Unjoni

	2018	2019	2020
Konsum f'000 tunnellata (ċatti)	108 661	103 357	91 373
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*84*
Konsum f'000 tunnellata (twal)	48 226	44 495	40 521
indiċi 2018 = 100	*100*	*92*	*84*
Konsum f'000 tunnellata (tubi)	10 253	9 269	8 060
indiċi 2018 = 100	*100*	*90*	*79*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (ċatti)	86 585	83 533	74 504
indiċi 2018 = 100	*100*	*96*	*86*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (twal)	38 714	36 918	34 252
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*88*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (tubi)	7 661	6 998	6 180
indiċi 2018 = 100	*100*	*91*	*81*
Sehem mis-suq f'% (ċatti)	79,7 %	80,8 %	81,5 %
Sehem mis-suq f'% (twal)	80,3 %	83,0 %	84,5 %
Sehem mis-suq f'% (tubi)	74,7 %	75,5 %	76,7 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

Tabella 7

Prezz tal-bejgħ ta' unità, profittabbiltà, fluss tal-flus u redditu fuq il-kapital użat

	2018	2019	2020
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (ċatti)	775	741	689
indiċi 2018 = 100	*100*	*96*	*89*
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (twal)	674	623	556
indiċi 2018 = 100	*100*	*92*	*82*

Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (tubi)	1 065	1 070	999
indiċi 2018 = 100	*100*	*100*	*94*
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (ċatti)	6,0 %	-1,0 %	-4,6 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (twal)	6,0 %	0,4 %	-2,8 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (tubi)	3,3 %	0,9 %	-0,5 %
Fluss tal-flus (miljun EUR) (ċatti)	5 652	3 609	4 402
indiċi 2018 = 100	*100*	*64*	*78*
Fluss tal-flus (miljun EUR) (twal)	1 411	2 300	879
indiċi 2018 = 100	*100*	*163*	*62*
Fluss tal-flus (miljun EUR) (tubi)	394	889	1 106
indiċi 2018 = 100	*100*	*226*	*281*
Redditu fuq il-kapital użat (%) (ċatti)	7,68 %	-3,75 %	-28,47 %
Redditu fuq il-kapital użat (%) (twal)	10,13 %	-1,59 %	-4,76 %
Redditu fuq il-kapital użat (%) (tubi)	8,58 %	3,05 %	-3,16 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

Tabella 8

Impjieg

(FTE)	2018	2019	2020
Impjieg (ċatti)	134 788	137 719	128 837
indiċi 2018 = 100	*100*	*102*	*96*
Impjieg (twal)	49 116	47 314	45 487
indiċi 2018 = 100	*100*	*96*	*93*
Impjieg (tubi)	31 455	30 587	28 007
indiċi 2018 = 100	*100*	*97*	*89*

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

(21) It-Tabelli 5 sa 8 urew l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu għal kull familja ta' prodotti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, dawn ikkonfermaw li s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni segwiet, għal kull waħda mill-familji ta' prodotti individwalment, xejriet komparabbli ta' deterjorament bħal dawk stabbiliti għall-prodott ikkonċernat fl-intier tiegħu. Pereżempju, l-indikaturi tad-dannu bħall-volum tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ domestiku, il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-profittabbiltà ddeterjoraw b'mod konsistenti fl-2019, u din ix-xejra kompliet fl-2020 fejn kienet evidenti sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja negattiva. L-unika eċċezzjoni, f'termini ta' xejra diverġenti meta mqabbla ma' dawk tal-prodott ikkonċernat, għandha x'taqsam mal-iżvilupp tal-fluss tal-flus fil-familja tat-tubi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(22) Fid-dawl ta' dan, l-analiżi supplimentari mwettqa għal kull familja ta' prodotti għalhekk tikkorrobora s-sejbiet għall-prodott ikkonċernat, jiġifieri li anke meta tiġi vvalutata fuq bażi ta' familja ta' prodotti, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u bħalissa tinsab f'sitwazzjoni fraġli.

3.1.2. *Pressjoni tal-importazzjoni*

(a) Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet

(23) Biex tiddetermina jekk l-importazzjonijiet jagħmlux pressjoni fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u sa liema punt, il-Kummissjoni l-ewwel ivvalutat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet ([15]) tal-prodott ikkonċernat f'termini ġenerali u, it-tieni, fir-rigward tal-livell ta' konsum. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tat-TRQs użati taħt is-salvagwardja (ara t-Taqsima 3.1.2(b)).

Tabella 9

Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet f'tunnellati

	2018	2019	2020
Volum tal-importazzjonijiet	34 180 000	29 672 000	25 019 000
indiċi 2018 = 100	*100*	*87*	*73*

Sors: L-EUROSTAT

(24) F'termini ġenerali, il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat naqas bi 13 % fl-2019 u b'27 % fl-2020 meta mqabbel mal-livell tal-2018 ([16]).

Tabella 10

Evoluzzjoni tas-sehem mill-importazzjonijiet

	2018	2019	2020
Konsum f'000 tunnellata	167 140	157 120	139 955
indiċi 2018 = 100	*100*	*94*	*84*
Volum tal-importazzjonijiet f'000 tunnellata	34 180	29 672	25 019
indiċi 2018 = 100	*100*	*87*	*73*
Sehem mis-suq	*20,4 %*	*18,9 %*	*17,9 %*

Sors: L-EUROSTAT, id-data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

Tabella 11

Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet għal kull familja ta' prodotti

Konsum f'000 tunnellata (ċatti)	108 661	103 357	91 373
indiċi 2018 = 100	*100*	*95*	*84*

([15]) Id-*data* dwar l-importazzjoni użata fl-investigazzjoni ma tinkludix importazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi li ġew esklużi mingħajr kundizzjoni mill-miżura ta' salvagwardja. Għal dawn l esklużjonijiet, ara l-Artikolu 6.1 tar-Regolament dwar Salvagwardji Definittivi għall-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE"), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1712 tat-13 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1013 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU L 286, 14.11.2018, p. 17, għall-Afrika t'Isfel u għal ċerti pajjiżi Afrikani oħra li magħhom l-UE kellha fis-seħħ Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ("FSE"). Dan ifisser li s-sejbiet kollha f'din l-investigazzjoni jirriferu għal importazzjonijiet madwar id-dinja għajr importazzjonijiet minn dawk l-oriġini. Bl-istess mod, is-sejbiet kollha dwar l-effetti tal-importazzjonijiet – kemm l-importazzjonijiet eżistenti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ukoll l-importazzjonijiet mistennija f'każ li tiskadi l-miżura ta' salvagwardja – jappartjenu għall-importazzjonijiet globali għajr l-importazzjonijiet minn dawk l-oriġini.

([16]) Għal stampa usa' dwar l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fi snin preċedenti, ara t-Tabella 2 tar-Regolament Definittiv.

Konsum f'000 tunnellata (twal)	48 226	44 495	40 521
indiċi 2018 = 100	*100*	*92*	*84*
Konsum f'000 tunnellata (tubi)	10 253	9 269	8 060
indiċi 2018 = 100	*100*	*90*	*79*
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (ċatti)	22 076	19 824	16 869
indiċi 2018 = 100	*100*	*90*	*76*
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (twal)	9 513	7 577	6 270
indiċi 2018 = 100	*100*	*80*	*66*
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (tubi)	2 592	2 271	1 880
indiċi 2018 = 100	*100*	*88*	*73*
Sehem mis-suq f'% (ċatti)	20,3 %	19,2 %	18,5 %
Sehem mis-suq f'% (twal)	19,7 %	17,0 %	15,5 %
Sehem mis-suq f'% (tubi)	25,3 %	24,5 %	23,3 %

Sors: L-EUROSTAT u data tal-industrija

(25) Meta t-tnaqqis fil-volum tal-importazzjonijiet li jidher fit-Tabella 9 jiġi vvalutat bi tqabbil mal-evoluzzjoni tal-konsum fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni osservat li għalkemm is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet naqas gradwalment matul il-perjodu kkonċernat. Minkejja dan, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet baqa' fl-istess livell fl-2020 meta mqabbel mal-2017, jiġifieri s-sena eżatt qabel l-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja ([17]). Barra minn hekk, is-sehem medju mis-suq tal-importazzjonijiet matul il-perjodu taħt is-salvagwardja kien ogħla milli fis-snin ta' qabel l-impożizzjoni tagħha (kemm jekk snin individwali, kif ukoll fuq medja). Dan juri li, minkejja s-salvagwardja, il-preżenza tal-importazzjonijiet fis-suq tal-azzar tal-Unjoni ma naqsitx. Minflok, din żdiedet f'termini relattivi meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tas-salvagwardja ([18]).

(b) Evoluzzjoni tal-Użu tat-TRQ

(26) Il-Kummissjoni tat ukoll ħarsa aktar mill-qrib lejn il-pressjoni tal-importazzjoni billi vvalutat l-evoluzzjoni tal-użu tat-TRQ taħt is-salvagwardja ([19]).

(27) Din l-analiżi turi li l-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar eżawrew għadd kbir mill-kwoti speċifiċi għall-pajjiż allokati lilhom u, pjuttost spiss, f'perjodu pjuttost qasir fi ħdan il-perjodi rilevanti ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja. F'xi każijiet estremi, volumi kbar ta' kwoti annwali ġew eżawriti fl-ewwel jum tal-perjodu jew fi żmien ftit ġimgħat. Din ix-xejra kompliet taħt l-amministrazzjoni trimestrali tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż introdotti fl-1 ta' Lulju 2020. L-analiżi wriet ukoll li xi whud minn dawn il-pajjiżi eżawrew malajr ħafna wkoll xi kwoti residwi f'bosta kategoriji wara li kienu diġà eżawrew tagħhom stess, u b'hekk eskludew fornituri storiċi oħrajn. Din hija xejra konsistenti li tista' tiġi osservata fil-kategoriji u fl-oriġini tal-prodotti kollha, u f'volumi kbar.

([17]) Il-Kummissjoni tfakkar li fir-Regolament dwar Salvagwardja Proviżorja hija kienet ikkonkludiet li sa tmiem l-2017, kien hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni.
Barra minn hekk, is-sehem tal-importazzjonijiet meta mqabbel mal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod konsiderevoli taħt il-miżura ta' salvagwardja (medja ta' 16 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni), meta mqabbel mas-snin ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżura (2013-2017, kemm jekk individwalment (massimu ta' 12 % f'sena) kif ukoll jekk meħud bħala medja (10 %)). Id-*data* dwar il-produzzjoni għall-perjodu 2018-2020 tista' tinstab fit-Tabella 1 u għall-perjodu 2013-2017 fit-Tabella 5 tar-Regolament dwar Salvagwardji Definittivi.

([18]) Ara t-Tabella 2 tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva.

([19]) *Data* estratta mis-sit web iddedikat tal-Kummissjoni li tipprovdi informazzjoni dwar kull użu ta' TRQ, u li tiġi aġġornata kuljum. Id-*data* sottostanti użata għal din l-analiżi hija disponibbli għall-pubbliku fuq:
https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp

(28) Il-pajjiżi esportaturi prinċipali mhux biss juru l-kapaċità li jfornu volumi kbar f'perjodu qasir, u b'hekk joħolqu tfixkil sinifikanti fis-suq, iżda jidhru wkoll lesti biex ikomplu jżidu l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni, kull meta d-disinn tal-miżura jagħtihom opportunità biex jagħmlu dan (pereżempju, permezz tal-aċċess eċċezzjonali għall-kwota residwa). Għalhekk, kif instab matul it-tieni rieżami tal-funzjonament tal-miżura ta' salvagwardja ([20]), l-esportaturi tal-pajjiżi esportaturi prinċipali juru b'mod ċar imġiba opportunistika li tfittex li timmassimizza l-preżenza tagħhom fis-suq taħt il-miżura ta' salvagwardja, bil-mezzi kollha possibbli.

(c) L-evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet madwar id-dinja mill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar u tal-konsum fis-swieq domestiċi tagħhom

(29) Qabel l-adozzjoni tal-miżuri tariffarji tal-Istati Uniti skont it-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-1962 ("il-miżuri tat-Taqsima 232") dwar ċerti prodotti tal-azzar f'Marzu 2018, l-Istati Uniti kienu l-akbar suq importatur tal-azzar. Wara li imponew dazju bil-quddiem ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet, l-Istati Uniti tilfu din il-pożizzjoni għall-Unjoni, li attwalment hija l-akbar pajjiż importatur tal-azzar fid-dinja, segwita mill-Istati Uniti ([21]). Sabiex tipproteġi lis-suq tal-Unjoni mid-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali li tirriżulta, l-Unjoni imponiet is-salvagwardja tagħha b'mod proviżorju f'Lulju 2018 u fil-forma definittiva tagħha fi Frar 2019, u dan permezz ta' TRQs fuq il-prodott ikkonċernat li, għall-kuntrarju tal-miżura tal-Istati Uniti, tippreserva l-flussi kummerċjali storiċi u tiskoraġġixxi importazzjonijiet addizzjonali, inkluż il-kummerċ iddevjat.

(30) L-importazzjonijiet fl-Unjoni naqsu bi 13 % fl-2019 u b'27 % fl-2020 meta mqabbla mal-massimu tagħhom fl-2018 (ara t-Tabella 5). Fl-istess ħin, matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet fis-suq tal-Istati Uniti segwew xejra parallela ta' tnaqqis aktar qawwi wara l-impożizzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232, kif jidher fit-Tabella 11 hawn taħt.

Tabella 11

Importazzjonijiet fl-Istati Uniti f'tunnellati ([22])

Sena	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020
Total tal-Pajjiżi terzi (għajr l-UE)	21 933 440	18 472 301	15 052 561	12 143 791

(31) Għalhekk, din id-*data* tagħti prova ta' korrelazzjoni mill-qrib u sinifikanti bejn it-tnaqqis qawwi fil-volumi tal-importazzjoni fl-Istati Uniti wara l-impożizzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti u ż-żieda parallela tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, parzjalment imtaffija mill-miżura ta' salvagwardja. Din il-korrelazzjoni hija kkonfermata għall-perjodi ta' salvagwardja kollha sal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

(32) Wara li identifikat dawn ix-xejriet tal-importazzjoni fl-akbar żewġ swieq importaturi tal-azzar (l-Unjoni u l-Istati Uniti), il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-prestazzjoni tal-esportazzjoni fi swieq terzi oħra tal-pajjiżi fornituri prinċipali tal-azzar lejn l-Unjoni ([23]).

Tabella 12

Evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi fornituri prinċipali tal-azzar għall-UE lejn swieq terzi (għajr l-UE u l-Istati Uniti)

Sena	2018	2019	2020	% ta' varjazzjoni	varjazzjoni fil-volum
Volum f'tunnellati	126 541 868	125 633 907	117 579 311	-7 %	-8 962 557

([20]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27). Ara eż. il-premessi (35), (36), (80).

([21]) World Steel Report: "World Steel in Figures, 2020", p. 25. Disponibbli fuq: World Steel Report. Ara wkoll Steel Market Developments tal-OECD, Q4 2019, p. 24 u t-Tabella 3. Disponibbli fuq: https://www.oecd.org/industry/ind/steel-market-developments-Q4-2020.pdf

([22]) Sors: Il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti - https://dataweb.usitc.gov/

([23]) Dawn il-pajjiżi huma (elenkati b'mod alfabetiku): iċ-Ċina, l-Indja, il-Korea (ir-Repubblika ta'), ir-Russja, it-Tajwan, it-Turkija u l-Ukrajna. Ir-Renju Unit huwa wkoll fost il-pajjiżi esportaturi ewlenin. Madankollu, billi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien għadu membru tal-Unjoni Ewropea, dan ma ġiex inkluż meta twettqet valutazzjoni li tħares lura tad-*data* dwar l-importazzjoni ta' pajjiżi terzi.

(33) Il-Kummissjoni wettqet analiżi statistika tax-xejriet tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat għall-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar abbażi tad-*data* mill-Global Trade Atlas ([24]). It-Tabella 8 turi li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni naqqsu sostanzjalment il-volumi tal-esportazzjoni tagħhom lejn swieq terzi oħra matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Valutazzjoni individwali tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni ta' dawn il-pajjiżi kkonfermat li l-biċċa l-kbira minn dawn il-pajjiżi esperjenzaw ukoll tnaqqis fil-volumi tal-esportazzjoni tagħhom għal kull pajjiż (għajra l-Unjoni u l-Istati Uniti). Għalhekk, dan ifisser li matul perjodu fejn l-akbar żewġ pajjiżi importaturi ewlenin tal-azzar fid-dinja (l-Unjoni u l-Istati Uniti) raw tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet meta l-miżuri rispettivi tagħhom kienu fis-seħħ, il-pajjiżi esportaturi ewlenin lejn l-Unjoni naqqsu wkoll il-volumi tal-esportazzjoni tagħhom lejn swieq terzi oħra.

(34) Il-Kummissjoni ssupplimentat ulterjorment il-valutazzjoni tagħha stess bl-analiżi mwettqa mill-OECD. Id-*data* tal-OECD ikkonfermat il-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess li, ġeneralment, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar kienet naqset b'mod konsistenti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ([25]).

(35) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat l-evoluzzjoni fil-konsum domestiku fil-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar ([26]) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 13

L-evoluzzjoni tal-konsum fis-swieq prinċipali tal-produzzjoni tal-azzar (inklużi l-pajjiżi esportaturi prinċipali lejn l-UE) ([27])

Sena/ Prodott	Kojl tat-tip HR u pjanċa tal-kojl	Kojl tat-tip CR	HDG + kojl tat-tip EZ	Pjanċa stanjata	Pjanċa mill-proċess imsejjaħ "reversing mill"	Rebar + virga tal-wajer	Virga tat-tip merchant + Sezzjonijiet Strutturali	Azzar għal-Linji tal-Ferrovija	Kollha - inkluż iċ-Ċina	Iċ-Ċina	Minħajr iċ-Ċina
2018	501 093,59	172 655,53	87 021,82	8 539,49	110 692,33	495 876,36	190 878,27	8 136,93	1 574 894,32	964 829,00	610 065,32
2019	505 032,94	167 800,90	90 303,02	8 819,83	113 426,32	531 934,21	197 669,27	8 709,86	1 623 696,35	1 024 140,84	599 555,50
2020	518 795,17	176 848,77	91 167,34	8 371,03	121 358,51	552 591,72	211 094,72	8 110,75	1 688 338,02	1 141 388,71	546 949,31

(36) It-Tabella 13 turi li, kumplessivament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum ([28]) fis-suq domestiku tal-pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-azzar (li jinkludi l-pajjiżi fornituri prinċipali tal-azzar għall-Unjoni) żdied. Madankollu, din ix-xejra kumplessiva hija mmotivata miż-żieda eċċezzjonali fil-konsum esperjenzata fiċ-Ċina, li hija bil-kbir, l-akbar suq tal-produzzjoni tal-azzar fid-dinja. B'din l-eċċezzjoni, il-pajjiżi l-oħra kollha raw tnaqqis kontinwu fil-konsum domestiku.

([24]) Din il-bażi tad-*data* tiġbor informazzjoni statistika pprovduta mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika doganali minn kull pajjiż.

([25]) L-OECD ikkonfermat ukoll din ix-xejra tal-esportazzjoni li ġeneralment qed tonqos fuq livell usa', jiġifieri tkopri wkoll prodotti tal-azzar barra mill-prodott ikkonċernat. Ara: Steel Market Developments tal-OECD, Q4 2020, it-Tabelli 3, 4 u 5. Din ix-xejra ġenerali hija kkonfermata wkoll mit-Tabelli 6 u 7 fl-istess dokument, li juru l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fl-akbar ekonomiji importaturi tal-azzar (it-Tabella 6) u l-importazzjonijiet f'ekonomiji ewlenin oħra li jipproduċu l-azzar (it-Tabella 7), u l-Illustrazzjoni 8 (p. 32). Disponibbli fuq: https://www.oecd.org/industry/ind/steel-market-developments-Q4-2020.pdf

([26]) Il-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.

([27]) Sors: il-bażi tad-*data* tas-CRU. *Data* disponibbli għall-pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-azzar: il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, l-Eġittu, l-Indja, l-Iran, il-Ġappun, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Messiku, il-Moldova, ir-Russja, is-Serbja, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, it-Tajwan, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Vjetnam, u għall-grupp ta' kategoriji ta' prodotti li ġejjin: Kojl illaminat bis-Sħana u pjanċa tal-kojl, kojl tat-tip CR, Iggalvanizzat f'Banju Sħun (HDG), kojl tat-tip EZ, Pjanċa stanjata, Pjanċa mill-proċess imsejjaħ "reversing mill", Rebar, virga tal-wajer, Virga tat-tip "merchant", Sezzjonijiet Strutturali u Azzar għal-Linji tal-Ferrovija.

([28]) Din it-tabella għandha l-għan li tagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet tal-konsum ta' xi wħud mill-kategoriji ta' prodotti prinċipali fl-Unjoni u fis-swieq prinċipali tal-azzar madwar id-dinja. Kif jidher ċar fit-tabella, id-*data* ma tkoprix il-prodott ikkonċernat fl-intier tiegħu.

(37) Għalhekk, it-tnaqqis simultanju tal-esportazzjonijiet u tal-konsum domestiku matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni fil-maġġoranza tal-pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-azzar juri b'mod inekwivoku d-diffikultajiet dejjem akbar li qed jesperjenzaw biex isibu opportunitajiet għall-operazzjonijiet tradizzjonali ta' esportazzjoni tagħhom. Dawn id-diffikultajiet isaħħu bil-kbir it-tensjoni kompetittiva u jwasslu għal imġiba aggressiva mill-esportaturi fi swieq terzi.

(d) Kapaċità żejda

(38) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-iżviluppi l-aktar reċenti relatati mal-kapaċità żejda globali fis-settur tal-azzar li kienet diġà qieset fir-Regolamenti dwar is-Salvagwardja Proviżorja u Definittiva.

(39) Analiżi ta' diversi sorsi awtorevoli msemmija f'dan ir-Regolament turi li s-sitwazzjoni ta' kapaċità żejda fis-suq globali tal-azzar marret għall-agħar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-OECD osservat li l-aħħar informazzjoni disponibbli (minn Diċembru 2020) tissuġġerixxi li l-kapaċità globali tal-produzzjoni tal-azzar żdiedet fl-2020 għat-tieni sena konsekuttiva (Illustrazzjoni 10). Il-bidla fil-kapaċità netta fl-2020, bit-teħid inkunsiderazzjoni ta' addizzjonijiet u għeluq ġodda fil-kapaċità, ittella' l-kapaċità globali attwali tal-produzzjoni tal-azzar sa 2 453,2 mmt, li tirrappreżenta żieda ta' 1,6 % mil-livell fi tmiem l-2019 ([29]).

(40) Barra minn hekk, l-OECD żiedet tgħid li l-kapaċità globali tal-produzzjoni tal-azzar żdiedet għal 2 453,2 mmt fl-2020, filwaqt li l-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum naqset għal 1 827,8 mmt, bid-distakk bejn it-tnejn jiżdied minn 568,7 mmt għal 625,4 mmt fl-2019. Il-produzzjoni globali tal-azzar bħala sehem mill-kapaċità, bħala indikatur imprezzjabbli tar-rata ta' użu globali, naqset minn 76,5 % fl-2019 għal 74,5 % fl-2020 ([30]).

(41) Il-konklużjonijiet tar-Rapport Ministerjali tal-Forum Globali tal-2020 dwar il-Kapaċità Żejda tal-Azzar ("GFSEC"), abbażi tad-*data* sal-2019, kienu diġà indikaw li l-iżviluppi fis-settur setgħu jsegwu din id-direzzjoni. Ir-rapport osserva li *żewġ punti ta' thassib partikolari fi tmiem l-2019 kienu x-xejra fid-direzzjoni opposta osservata fil-kapaċità Ċiniża ta' produzzjoni tal-azzar, b'diversi proġetti kbar mibdija f'żoni ġodda, b'mod partikolari f'żoni kostali tan-Nofsinhar u tal-Lvant u appoġġati mill-iskema ta' swaps tal-kapaċità mmexxija mill-gvern, u l-appoġġ Ċiniż għal jew il-parteċipazzjoni fl-espansjoni tal-kapaċità f'pajjiżi terzi. It-tkabbir rapidu tal-kapaċità kien qed iseħħ ukoll fix-Xlokk tal-Asja u fil-Lvant Nofsani* ([31]).

(42) Ir-Rapport żied jgħid li l-implikazzjoni immedjata tal-perspettiva tad-domanda hija li d-distakk globali bejn il-kapaċità u d-domanda, indikatur tar-riskji ta' provvista żejda għas-suq tal-azzar, se jiżdied b'mod sinifikanti għal mill-inqas 606 mmt fl-2020 ([32]). Huwa osserva wkoll li dan it-treġġigħ lura fil-kapaċità żejda jista' jwassal għal disturbi fil-kummerċ, iwassal għal prezzijiet tal-azzar ferm aktar baxxi u jagħmel ħsara lis-sostenibbiltà ekonomika tal-industrija tal-azzar. ([33])

(43) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li huwa evidenti li l-problema tal-kapaċità żejda globali fis-settur tal-azzar marret għall-agħar fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u dan irriżulta f'distakk saħansitra akbar bejn il-produzzjoni, il-konsum u l-kapaċità installata. Il-Kummissjoni kkonfermat din l-informazzjoni wkoll bil-valutazzjoni tagħha stess tad-*data* mill-bażi tad-*data* tas-CRU għall-pajjiżi prinċipali li jipproduċu l-azzar madwar id-dinja, li jinkludu l-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn is-suq tal-Unjoni ([34]).

(e) Miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti

(44) Fir-regolamenti tagħha li jimponu miżura ta' salvagwardja proviżorja u definittiva, il-Kummissjoni sabet li l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti dwar ċerti prodotti tal-azzar kienu probabbli li jikkawżaw diverżjoni konsiderevoli tat-traffiku kummerċjali lejn is-suq tal-Unjoni tal-esportazzjonijiet oriġinarjament destinati għas-suq tal-Istati Uniti, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ta' rimedju mill-Unjoni. Fir-regolament definittiv tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm evidenza li l-ewwel sinjali ta' diverżjoni tat-traffiku kummerċjali kienu diġà qed iseħħu fl-2018 ([35]).

([29]) Ara Steel Market developments tal-OECD fil-Q2 2021, tal-1 ta' Marzu 2021, p. 28, il-premessa 53.
([30]) *Ibid.* fil-premessa 55.
([31]) Global Steel Forum on Steel Excess Capacity, 2020 Ministerial Report, il-premessa 17.
([32]) *Ibid.* fil-premessa 23.
([33]) *Ibid.* fil-premessa 24 (inkluż l-Illustrazzjoni 5).
([34]) Sors: Il-bażi tad-*data* tas-CRU għas-snin 2018-2020, b'mod partikolari ċ-ċifri tal-kapaċità żejda meta mqabbla mal-konsum u l-produzzjoni. https://www.crugroup.com/analysis/steel/ (aċċess b'abbonament)
([35]) Ara l-premessi (99) sa (110) tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva

(45) Il-Kummissjoni diġà wriet fit-Tabella 11 li, mill-adozzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti fuq l-azzar, il-livell tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Istati Uniti kien naqas b'mod sinifikanti. Fil-fatt, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ma jidhirx li l-importazzjonijiet li qabel kienu mmirati lejn l-Istati Uniti sabu opportunitajiet oħra madwar id-dinja, billi l-esportazzjonijiet ġenerali lejn pajjiżi oħra, inkluż is-suq tal-Unjoni, naqsu f'sitwazzjoni ta' konsum domestiku li qed jonqos għall-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn l-Unjoni.

(46) Sal-lum, il-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti għadhom fis-seħħ u ma hemmx indikazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti li tipprevedi r-revoka tagħhom. Għaldaqstant, ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, kemm tal-prodotti attwalment trasportati lejn l-Istati Uniti kif ukoll ta' dawk li kienu jiġu importati fis-suq tal-Istati Uniti iżda li, b'riżultat tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ma għadhomx qed jiġu importati, jibqa' kompletament li kieku l-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni kellha tiskadi.

(f) Is-sitwazzjoni tad-difiża tal-kummerċ u l-miżuri restrittivi tal-kummerċ f'pajjiżi terzi

(47) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minbarra l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, li għadhom fis-seħħ, il-Kummissjoni osservat l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri ġodda f'ġurisdizzjonijiet differenti li fil-biċċa l-kbira jaffettwaw lill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn l-Unjoni f'varjetà wiesgħa ta' prodotti tal-azzar, inklużi bosta minn dawk li jaqgħu taħt il-miżura ta' salvagwardja ([36]). Dan jinkludi n-notifika mħabbra reċentement dwar l-estensjoni tal-miżura ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar mir-Renju Unit ([37]).

(48) Din ix-xejra osservata ta' żieda kontinwa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji tal-azzar soġġetti għal dazji anti-dumping u kumpensatorji, mingħajr sinjali ta' treġġigħ lura fil-futur prevedibbli, issaħħaħ id-diffikultajiet imsemmija hawn fuq għall-pajjiżi esportaturi biex isibu opportunitajiet għall-esportazzjonijiet tagħhom, u dan isaħħaħ it-tensjoni kompetittiva u jagħmel l-imġiba tal-esportaturi aktar b'saħħitha

(g) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni

(49) L-Unjoni attwalment hija l-akbar suq importatur tal-azzar fid-dinja f'termini ta' volumi. ([38]) F'termini ta' livelli tal-prezzijiet, il-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni mill-pajjiżi fornituri prinċipali tagħha huma konsistentement ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom lejn swieq terzi oħra għal maġġoranza kbira tal-esportazzjonijiet tal-azzar tagħhom (minn 53 % sa 73 % tal-kodiċijiet totali affettwati, il-valuri tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni huma ogħla minn dawk lejn swieq terzi oħra) ([39]).

(50) Dan ifisser li l-esportaturi għandhom interess li jippenetraw is-suq tal-Unjoni b'kull mezz possibbli li kultant jirriżulta f'imġiba inġusta fl-ipprezzar. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni imponiet sensiela ta' miżuri anti-dumping u kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-azzar, anki fuq il-kategoriji ta' prodotti koperti mis-salvagwardja.

(51) Ix-xejriet statistiċi tal-importazzjonijiet fl-UE (ara t-Tabella 9) jikkonfermaw l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportaturi. Bħala medja, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni saħansitra żiedu s-sehem mis-suq tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tas-salvagwardja, f'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum u minkejja salvagwardja fis-seħħ.

(52) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq tal-azzar tal-Unjoni għadu attraenti għall-pajjiżi esportaturi.

3.1.3. *Konklużjonijiet*

(53) Abbażi tal-evidenza u l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni, wara l-ewwel tliet snin tal-miżura ta' salvagwardja, għadha tinsab f'sitwazzjoni ekonomika fraġli.

(54) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar eżerċitaw u għadhom qed jeżerċitaw pressjoni fuq l-importazzjoni għolja ħafna fis-suq tal-azzar tal-Unjoni, b'xejra aggressiva u opportunistika ta' mġiba kummerċjali, jiġifieri, bl-użu ta' kwalunkwe marġni biex tiżdied il-preżenza fis-suq.

([36]) L-OECD, Steel trade and trade policy developments, l-24 ta' Frar 2021, l-Anness A.

([37]) Notice of determination 2020/06: safeguard measures on certain steel products – application of tariff rate quotas - GOV.UK (www.gov.uk)

([38]) Ara t-Taqsima 3.1.2.c ta' dan ir-Regolament.

([39]) Sors tad-*data* mhux ipproċessata: Global Trade Atlas – "GTA". https://www.gtis.com/gta/. Ċifri li jappartjenu għall-perjodu 2015-2020, għall-esportazzjonijiet mill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn l-UE, jiġifieri ċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, it-Turkija u l-Ukrajna. (Ir-Renju Unit ma kienx inkluż minħabba li, minkejja li kien wieħed mill-aqwa tmien pajjiżi esportaturi lejn l-Unjoni, fil-perjodu vvalutat kien għadu Stat Membru tal-UE).

(55) Barra minn hekk, minħabba x-xejriet prevalenti ta' tnaqqis fl-esportazzjonijiet dinjija u fil-konsum domestiku mill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li diġà kienu evidenti qabel il-pandemija tal-COVID-19, u f'kuntest ġenerali ta' kapaċità żejda sinifikanti, il-Kummissjoni mbagħad osservat li l-esportaturi jeħtieġu li jżidu l-bejgħ tagħhom fi kwalunkwe suq possibbli biex ikomplu joperaw.

(56) L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li swieq sinifikanti oħra tal-azzar, inkluż it-tieni l-akbar pajjiż importatur, l-Istati Uniti, għad għandhom fis-seħħ restrizzjonijiet kummerċjali li jaffettwaw il-kapaċità tal-pajjiżi esportaturi li jbigħu lilhom, f'kuntest ġenerali ta' tnaqqis kontinwu fil-konsum tal-azzar.

(57) L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li s-suq tal-Unjoni huwa, meta mqabbel, aktar attraenti għall-importazzjonijiet f'termini ta' daqs u ta' livelli tal-prezzijiet, u b'hekk sar suq fejn jistgħu jiġu diretti volumi kbar ta' azzar.

(58) L-analiżi kontrofattwali mwettqa fid-dawl tas-sett ta' fatturi deskritt fit-Taqsima 3.1.2. biex tiddetermina x'jiġri li kieku tiġi eliminata s-salvagwardja turi, b'mod ċar, li f'dan il-mument teżisti probabbiltà għolja li volumi sostanzjali ħafna ta' azzar mhux mibjugħ f'partijiet oħra tad-dinja jistgħu jispiċċaw jiġu diretti lejn is-suq tal-Unjoni.

(59) Dawn l-importazzjonijiet addizzjonali, flimkien ma' dawk li jeżistu bħalissa, kieku ġeneralment iwasslu għal deterjorament ulterjuri serju ħafna tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, u jistgħu jipperikolaw serjament il-vijabbiltà tagħha. Għalhekk, ġie stabbilit li l-iskadenza tal-miżura ta' salvagwardja kieku tirriżulta f'dannu serju għall-industrija tal-Unjoni kkawżata minn żieda fl-importazzjonijiet. Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-effetti attwali tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-industrija tal-Unjoni. Filwaqt li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ġiet aggravata ulterjorment fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni stabbiliet li ż-żieda probabbli fl-importazzjonijiet, jekk il-miżura ta' salvagwardja tiskadi, tirriżulta f'dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

(60) Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-volumi akbar jistgħu jimminaw b'mod sinifikanti kwalunkwe rkupru ekonomiku sinifikattiv kif ukoll l-isforzi li qed isiru mill-industrija tal-azzar tal-Unjoni fil-proċess ta' aġġustament tagħha għal livell ogħla ta' importazzjonijiet, li huma deskritti fit-taqsima li ġejja. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-miżura ta' salvagwardja għadha meħtieġa biex jiġi evitat dannu serju.

(61) Din il-ħtieġa teżisti wkoll minħabba li, skont ir-regoli tad-WTO, l-Unjoni ma għandhiex il-possibbiltà li żżid id-dazji fuq l-importazzjoni fuq il-prodott ikkonċernat mingħajr ma tieħu miżura ta' salvagwardja. Tabilħaqq, fid-WTO, l-Unjoni ffissat id-dazji fuq l-importazzjoni tagħha fil-livell ta' żero għal-linji tariffarji inklużi fil-prodott ikkonċernat. Għal din ir-raġuni, hekk kif bħal fl-2018 kien evidenti li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet ir-riżultat tal-effett ta' dawn l-obbligi (jiġifieri konċessjonijiet tariffarji mingħajr dazju) imġarrba mill-Unjoni skont il-GATT, dawn l-obbligi issa kieku jippermettu li l-importazzjonijiet jerġgħu jiżdiedu, u dan jirriżulta f'dannu serju għall-industrija tal-Unjoni li kieku s-salvagwardja titħalla tiskadi.

3.2. **Aġġustament**

(62) Meta l-Kummissjoni introduċiet is-salvagwardja proviżorja tal-azzar f'Lulju 2018, l-industrija tal-azzar tal-UE kienet diġà bdiet proċess ta' aġġustament għall-kriżi serja esperjenzata mis-settur tal-azzar minn nofs l-2010, meta d-domanda dinjija tal-azzar naqset minkejja li l-kapaċità xorta waħda kompliet tespandi. Dan l-iżbilanċ, aggravat mill-intervent tal-Istat li jappoġġa ż-żidiet fil-kapaċità u li jipprevjeni l-għeluq ta' faċilitajiet mhux ekonomiċi f'xi pajjiżi terzi, ħoloq distorsjoni fid-dinamika tas-suq u rrestrinġa lill-produtturi biex jirrikorru dejjem aktar għas-swieq tal-esportazzjoni, li wassal għal każijiet ta' difiża tal-kummerċ, b'ħafna minnhom jinvolvu liċ-Ċina fejn tinsab l-akbar kapaċità żejda.

(63) L-Unjoni rreaġixxiet malajr għal din l-isfida. Fl-2013, bil-"Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa" ([40]) tagħha, il-Kummissjoni stipulat pjan ambizzjuż ta' azzjonijiet immirati, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, biex issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-azzar tal-UE u biex din issir sostenibbli u kapaċi tikkompeti fil-livell globali, kif ukoll biex tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' prodotti tal-azzar li huma vitali għal industriji Ewropej ewlenin oħra.

([40]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 (COM/2013/0407 final).

(64) Id-ditta ta' konsultazzjoni McKinsey, fir-Rapport tagħha *"The current capacity shake-up in steel and how the industry is adapting"* ([41]) ippubblikat f'Jannar 2018, rat id-deċennju tal-2016-2025 bħala volatili u matur għal aktar ristrutturar, fid-dawl tal-fatt li l-isforzi ta' konsolidazzjoni u ta' aġġustament f'xi partijiet mid-dinja, b'mod partikolari fl-Ewropa, kienu *"fil-bidċa l-kbira paċuti minn espansjoni kontinwa x'imkien ieħor"*. Ir-Rapport spjega wkoll kif il-kumpaniji, speċjalment fl-Ewropa, fil-Korea t'Isfel u fil-Ġappun, qed jaġġustaw għall-kapaċità żejda globali billi jsegwu prodotti ġodda u estensjonijiet tal-mudelli tan-negozju li jippermettulhom javvanzaw fil-katina tal-valur. Ir-Rapport spjega wkoll li barra minn hekk, *l-innovazzjoni fl-azzar tinvolvi wkoll il-proċessi ta' produzzjoni ewlenin, bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni, jittejbu l-prodotti ta' funzjonalità, jew jitnaqqas il-piż ambjentali*. Fl-aħħar nett, ir-Rapport kien jistenna li aktar atturi ewlenin jesperimentaw b'innovazzjoni radikali fil-proċessi ta' produzzjoni, u b'hekk imorru kontra twemmin li ilu żmien twil li t-teknoloġija tal-produzzjoni tal-azzar immaturat u b'hekk hemm biss spazju limitat għal aktar żidiet fil-produttività.

(65) F'dan il-kuntest, f'Marzu 2016 il-Kummissjoni ħadet rendikont tal-azzjonijiet implimentati skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-2013 għall-Azzar u, permezz tal-Komunikazzjoni tagħha *"L-Azzar: iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa"* ([42]), saħħet l-azzjonijiet sabiex tippromwovi l-investiment u toħloq negozju aktar favorevoli li għandu jgħin lill-industrija tal-azzar tal-Unjoni fl-isforzi ta' adattament tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ffukat mill-ġdid kemm jista' jkun l-inizjattivi strateġiċi tal-Unjoni kollha tagħha, u b'mod aċċellerat sabiex iżżid l-isforzi li l-industrija tal-azzar tal-UE kienet qed tagħmel biex timmodernizza u timplimenta innovazzjonijiet li jiggarantixxu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħha fit-tul.

(66) Kif spjegat fit-Taqsima 3.1.e), l-adozzjoni mill-Istati Uniti tal-miżuri tat-Taqsima 232 tagħha fuq l-azzar, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2018, approfondiet l-iżbilanċ kroniku bejn il-kapaċità u d-domanda tal-azzar. L-għeluq ta' dak li, f'dak iż-żmien, kien l-akbar suq importatur tal-azzar aggrava l-imġiba aggressiva mill-pajjiżi esportaturi tal-azzar fit-tfittxija ddisprata tagħhom għal opportunitajiet biex jeħilsu mill-eċċess fl-output tagħhom.

(67) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-reazzjoni proporzjonali mill-Kummissjoni bl-introduzzjoni tal-miżura ta' salvagwardja tagħha f'TRQ imfassla biex tiskoraġġixxi d-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, b'mod proviżorju f'Lulju 2018 u fil-forma definittiva tagħha fi Frar 2019, evitat li tissaħħaħ iż-żieda f'daqqa u qawwija fl-importazzjonijiet tal-azzar li s-suq tal-azzar tal-UE kien diġà qed jesperjenza. Fin-nuqqas ta' din l-azzjoni, l-isforzi ta' aġġustament li l-industrija tal-azzar tal-UE kienet qed twettaq biex tadatta għall-kapaċità żejda globali dejjem tiżdied u għas-swieq tal-azzar progressivament integrati, kienu jisfaxxaw fix-xejn.

(68) Taħt is-salvagwardja tal-Unjoni, l-isforzi ta' aġġustament tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni tkomplew. Fis-sottomissjonijiet tagħha u fit-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni ddokumentat li kienet qed taġġusta ruħha matul l-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tas-salvagwardja. L-informazzjoni kunfidenzjali sottomessa, ikkumplementata bi stqarrijiet għall-istampa, rapporti tal-kumpaniji u informazzjoni oħra disponibbli pubblikament, uriet li l-industrija tal-azzar tal-UE kienet qed tadotta azzjonijiet ta' aġġustament biex tnaqqas il-kostijiet, ittejjeb il-prestazzjoni, tkun innovattiva, u twettaq it-trasformazzjoni ambjentali tagħha f'konformità mal-impenji tal-UE biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima. L-aġġustamenti ddokumentati jikkonċernaw il-kategoriji ta' prodotti koperti mis-salvagwardja tal-azzar tal-UE. Dawn l-aġġustamenti qed iħejju lill-industrija tal-azzar tal-UE biex tibqa' finanzjarjament u ambjentalment sostenibbli fit-tul.

(69) Minn naħa waħda, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni rrappurtat miżuri li jsaħħu l-prestazzjoni biex jiġu ffrankati l-ispejjeż u tiġi ottimizzata l-katina tal-valur, bħal tnaqqis fl-impjiegi, għeluq ta' faċilitajiet inqas effiċjenti jew mhux użati biżżejjed, flimkien ma' investimenti f'makkinarju u proċessi ta' produzzjoni ġodda ([43]). Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni ddokumentat ukoll aġġustamenti li jħarsu aktar 'il quddiem biex tissaħħaħ

([41]) ©McKinsey & Company, Metals and Mining Practice, Jannar 2018. Disponibbli fuq: https://www.mckinsey.com/~/media/mckinsey/industries/metals%20and%20mining/our%20insights/the%20current%20capacity%20shake%20up%20in%20steel%20and%20how%20the%20industry%20is%20adapting/the-current-capacity-shake-up-in-steel-and-how-the-industry-is-adapting.pdf

([42]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2016 (COM/2016/0155 final).

([43]) Ara, pereżempju, it-tħabbir ta' ArcelorMittal tal-għeluq permanenti tal-forn u l-impjant tal-azzar ta' Krakovja fil-Polonja, it-8 ta' Ottubru 2020, disponibbli fuq: https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/metals/100820-arcelormittal-to-permanently-close-krakow-furnace-and-steel-plant-in-poland.
Ara wkoll it-tħabbira ta' Bekaert fuq: https://www.bekaert.com/en/about-us/news-room/news/bekaert-announces-restructuring-plans-belgium , it-tnaqqis ta' impjiegi ta' Productos Tubulares' fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju miftuħ u t-tħabbir ta' Outokumpuli se jnaqqas l-għadd ta' impjegati totali fl-Anness 32 tas-sottomissjoni ta' EUROFER.

il-kompetittività fit-tul, bħal investimenti f'teknoloġiji sostenibbli ġodda (inkluża t-teknoloġija ambjentali), proċessi tal-produzzjoni, u innovazzjoni tal-prodotti. Fost oħrajn, xi whud mill-produtturi tal-azzar, bħal Aperam ([44]), Thyssenkrupp ([45]) jew ArcelorMittal ([46]) adottaw l-innovazzjonijiet teknoloġiċi l-aktar reċenti u żiedu l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-proċessi tagħhom. Oħrajn, bħal Voestalpine ([47]) jew Salzgitter ([48]) iddifferenzjaw il-prodotti tagħhom billi investew f'setturi b'użu finali primjum (bħal dak awtomobilistiku, tal-enerġija) u kkollaboraw mill-qrib mal-klijenti fuq gradi u soluzzjonijiet ġodda tal-azzar. Dawn l-aġġustamenti kollha jgħinu lill-industrija tal-azzar tal-Unjoni biex tadatta għal suq aktar kompetittiv bi pressjoni tal-importazzjoni ogħla.

(70) Għandu jiġi osservat li dawn l-isforzi ta' aġġustament ma waqfux mal-bidu tal-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, għalkemm l-iskossi li rriżultaw u l-effetti ekonomiċi negattivi tal-kriżi żiedu l-kumplessità u l-piż għall-industrija tal-Unjoni biex tkompli bil-proċess ta' adattament tagħha.

(71) Il-prinċipji li attwalment qed jiggwidaw l-isforzi ta' aġġustament tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni ġew stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha *"Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"*, ippubblikata f'Marzu 2020 ([49]), fejn stabbiliet il-pedamenti għal politika industrijali li tappoġġa t-tranżizzjoni doppja lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, tagħmel lill-industrija tal-UE aktar kompetittiva fil-livell globali, u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa.

(72) Billi din l-istrateġija ġiet adottata eżatt meta bdiet il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni reċentement aġġornatha f'Mejju 2021 permezz tal-Komunikazzjoni tagħha *"Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa"* ([50]), li tieħu rendikont tal-miżuri ta' emerġenza u rkupru li l-UE sadanittant implimentat fil-kuntest usa' tal-politika industrijali tal-UE. F'dan l-aġġornament tal-politika industrijali tal-UE, il-Kummissjoni tenfasizza l-*"ħtieġa li jitħaffef aktar il-pass tat-tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku u industrijali aktar nadif, aktar diġitali u aktar reżiljenti, biex tibqa' u tissaħħaħ l-ispinta tal-Ewropa lejn kompetittività sostenibbli"*.

(73) Minħabba l-importanza ewlenija tagħha, wieħed mit-tliet Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ("SWD") li jakkumpanjaw l-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali tal-2020 jikkonċerna l-industrija tal-azzar: *"Towards competitive and clean European steel"* ([51]). Dan l-SWD jiddeskrivi l-isfidi u l-opportunitajiet għall-industrija tal-azzar tal-Unjoni, kif ukoll is-sett ta' għodod ta' politika tal-UE disponibbli biex jiġu appoġġati l-isforzi futuri tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni fit-tmexxija tat-tranżizzjoni doppja.

(74) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-azzar tal-UE qed taġġusta u se tkompli taġġusta għal sitwazzjoni ta' importazzjonijiet ogħla matul l-applikazzjoni tas-salvagwardja.

3.3. **Tul tal-estensjoni**

(75) Il-Kummissjoni sabet li s-salvagwardja tal-azzar tal-UE għadha meħtieġa biex jiġi evitat dannu serju u li hemm evidenza li l-industrija tal-UE għadha qed timplimenta miżuri biex taġġusta għal sitwazzjoni tas-suq ikkaratterizzata minn pressjoni tal-importazzjoni ogħla. Madankollu, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2015/478, li jittrasponi l-Artikolu 7.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji tad-WTO, it-tul ta' miżura ta' salvagwardja *"irid ikun limitat għal perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex jipprevjeni jew jirrimedja dannu serju u sabiex jiffaċilita l-aġġustament min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni"*.

(76) Il-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni inizjalment kienet maħsuba biex iddum tliet snin sat-30 ta' Ġunju 2021. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li matul it-tieni sena tal-applikazzjoni tas-salvagwardja, il-kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19 tawlet il-proċess ta' adattament tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, b'parti mir-riżorsi disponibbli ddedikati biex il-kumpaniji tal-azzar jinżammu vijabbli matul l-aktar fażijiet kritiċi tal-pandemija tal-COVID-19.

([44]) Ara r-Rapport Finanzjarju Interim, Nofs is-sena li ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2020, il-paġni 12-14, Aperam Leadership Journey® disponibbli fuq: https://www.aperam.com/sites/default/files/documents/Aperam%20Half%20Year%202020.pdf

([45]) Ara, pereżempju, it-tweġiba miftuħa ta' Thyssenkrupp għall-kwestjonarju u l-annessi.

([46]) Għal deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti ta' ArcelorMittal u l-istqarrijiet għall-istampa relatati, ara l-ANNESS 18 tas-sottomissjoni ta' EUROFER.

([47]) Ara, pereżempju, it-tweġiba miftuħa ta' Voestalpine għall-kwestjonarju.

([48]) Ara l-programm komprensiv ta' ristrutturar ta' Salzgitter disponibbli fuq: https://www.salzgitter-ag.com/en/company/strategy.html u wkoll l-investiment ta' Salzgitter Mannesman Precision Tubes fuq: https://www.ndt.net/search/docs.php3?id=24381

([49]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10.3.2020 (COM(2020) 102 final).

([50]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5.5.2021 (COM(2021) 350 final).

([51]) Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-5.5.2021 (SWD(2021) 353 final).

(77) Il-Kummissjoni sabet ukoll li estensjoni għal sena waħda biss tkun qasira b'mod sproporzjonat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li bħalma juru l-indikaturi industrjali u finanzjarji tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni għall-2020, din bħalissa tinsab f'sitwazzjoni fraġli u għadha vulnerabbli għall-iskossi tal-importazzjoni jekk il-miżura ta' salvagwardja tiskadi f'dan l-istadju, u dan jista' jipperikola l-isforzi ta' aġġustament li saru sa issa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat ukoll li għad hemm sitwazzjoni kummerċjali ġenerali u ekonomika dgħajfa, li għadha ma rkupratx bis-sħiħ mir-reċessjoni kkawżata mill-pandemija.

(78) Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-Kummissjoni osservat li għalkemm il-prospetti tat-tkabbir tal-PDG għall-2021 qed jiġu ammeljorati gradwalment mill-maġġoranza tal-previżjonijiet, u dan minħabba r-riżultati pożittivi tal-għoti tal-vaċċin fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-Punent, f'dan iż-żmien il-fiduċja għadha fraġli minħabba f'inċertezzi fil-proċess tal-vaċċinazzjoni u d-diffikultajiet biex tiġi kkontrollata l-pandemija f'pajjiżi kummerċjali importanti bħall-Brażil u l-Indja. Oxford Economics, fl-aħħar Prospettiva tagħha ta' Mejju/Ġunju 2021, żiedet it-tbassir tagħha tal-PDG dinji u issa tistenna li din is-sena jikber b'6,3 % u b'4,6 % fl-2022, rispettivament b'0,4 u 0,2 punti perċentwali ogħla mit-tbassir preċedenti tagħha, hekk kif l-ekonomiji jirkupraw it-telf matul l-aġħar fażijiet tal-pandemija. Rigward iż-Żona tal-euro, Oxford Economics tistenna li l-PDG jikber b'4,2 % fl-2021 u b'4,7 % fl-2022, b'ritorn għal-livell li kellha qabel il-kriżi sal-bidu tal-2022. Min-naħa tagħha, fit-Tbassir ekonomiku tagħha tar-Rebbiegħa 2021 il-Kummissjoni aġġornat ukoll it-tbassir tagħha għall-ekonomija tal-UE u tistenna li din tespandi b'4,2 % fl-2021 u b'4,4 % fl-2022. F'termini ta' rkupru, ir-rati ta' tkabbir ivarjaw b'mod importanti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jaraw lill-ekonomiji tagħhom jerġgħu lura għal-livelli li kellhom qabel il-kriżi sa tmiem l-2022.

(79) F'dawn iċ-ċirkostanzi attwali, sabiex jiġi evitat li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu serju mhux dovut jekk il-miżura ta' salvagwardja tiskadi f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li l-miżura tiġi estiża għal tliet snin addizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2024.

(80) Madankollu, sabiex jiġi garantit li l-estensjoni tibqa' limitata għall-minimu strett meħtieġ, l-estensjoni se tkun soġġetta għas-sistema ta' rieżami prevista fit-Taqsima 4 li, fost oħrajn, tipprevedi rieżami biex jiġi ddeterminat jekk is-salvagwardja għandhiex ma tiġix mitmuma sat-30 ta' Ġunju 2023 wara sentejn ta' estensjoni.

3.4. **Livell ta' Liberalizzazzjoni**

(81) Ir-rata attwali ta' liberalizzazzjoni tas-salvagwardja ġiet stabbilita f'rata annwali ta' 3 %. Il-Kummissjoni vvalutat, abbażi tal-evidenza disponibbli, jekk dan il-livell ta' liberalizzazzjoni għadux xieraq u proporzjonali għall-iżviluppi u għall-prospetti tas-suq. Minbarra t-tbassir ekonomiku ġenerali u l-indikaturi ta' rkupru speċifiċi għall-industrija deskritti fit-taqsima preċedenti għall-valutazzjoni tat-tul tal-estensjoni, il-Kummissjoni qieset ukoll indikaturi ta' rkupru kummerċjali.

(82) F'dan ir-rigward, IHS Markit, fit-Tbassir GTA tagħha tal-flussi kummerċjali ta' April, bassret żidiet importanti minn sena għal oħra fil-valur reali tal-kummerċ globali, b'żidiet ta' 6,5 % u 4,3 % rispettivament fl-2021 u fl-2022 li se jippermettu sa tmiem l-2021 diġà jinlaħaq il-livell ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, il-kummerċ globali se jkompli jesperjenza tnaqqis fir-rigward tax-xejra tiegħu fit-tul ta' qabel il-COVID, jiġifieri mill-2011-2019, u din mhux se tintlaħaq qabel l-2025/2026. Barra minn hekk, IHS Markit tipprevedi li fl-aħħar mill-aħħar il-kummerċ globali se jikber b'Rata Komposta medja ta' Tkabbir Annwali aktar baxxa ta' 2,9 % biss matul il-perjodu 2021-2030.

(83) F'dawn iċ-ċirkostanzi, kif inhu mbassar mit-tbassir attwali, mhuwiex mistenni li l-kundizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' qabel il-pandemija se jiġu stabbiliti mill-ġdid b'mod sod fl-Unjoni qabel tmiem l-ewwel nofs tal-2022, u f'konformità mar-rata ta' tkabbir imbassra fuq ix-xejra attwali tal-flussi kummerċjali, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni biex f'dan l-istadju tinbidel ir-rata ta' liberalizzazzjoni ta' 3 % għall-ewwel sena ta' estensjoni.

(84) Barra minn hekk, iż-żamma ta' mill-inqas 3 % sat-30 ta' Ġunju 2022 se żżomm l-importazzjonijiet sa massimu ta' 32,5 miljun tunnellata, li għadhom ftit inqas mir-rekord storiku tal-2018. Ir-rekord storiku jista' jinkiseb sena wara, ladarba l-kundizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali jkunu rkupraw sa dak iż-żmien.

4. **SISTEMA TA' RIEŻAMI MATUL L-ESTENSJONI**

(85) Bl-għan li jiġi ggarantit li l-miżura ta' salvagwardja tibqa' fis-seħħ biss sa fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se twettaq rieżami biex tiddetermina jekk, abbażi taċ-ċirkostanzi f'dak iż-żmien, il-miżura ta' salvagwardja jenħtiġx li tintemm sat-30 ta' Ġunju 2023, jiġifieri wara sentejn ta' estensjoni. Barra minn hekk, sabiex sadanittant iżżomm it-tħaddim tas-salvagwardja adattata għall-evoluzzjoni tas-suq u f'konformità mal-interess tal-partijiet ikkonċernati kollha,

il-Kummissjoni se twettaq rieżami tal-funzjonament, bħal dawk imwettqa fl-2019 u fl-2020. Dan ir-rieżami tal-funzjonament se jinbeda biżżejjed minn qabel biex tiġi introdotta kwalunkwe bidla meħtieġa mill-1 ta' Lulju 2022, wara l-ewwel sena ta' estensjoni. Se jinbeda wkoll rieżami immedjat tal-miżura ta' salvagwardja jekk l-Istati Uniti tintroduċi bidla fil-miżura tat-Taqsima 232 tagħha dwar l-azzar li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-flussi kummerċjali ddevjati mhux kif suppost li qed tiġġenera bħalissa.

(86) Il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li l-pass ta' liberalizzazzjoni ta' 3 % xorta waħda jista' jiġi rieżaminat u, jekk meħtieġ, mibdul matul ir-rieżami tal-funzjonament li għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2022, jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw dan.

5. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(87) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk jeżistux raġunijiet ekonomiċi konvinċenti li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tiġi estiża s-salvagwardja eżistenti.

(88) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tal-miżuri possibbli fuq il-produtturi, l-importaturi u l-utenti tal-Unjoni. Il-valutazzjoni tal-evidenza disponibbli hija strutturata kif ġej: i) is-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni u l-effett possibbli tal-eliminazzjoni tal-miżura (ara t-Taqsima 5.1); u ii) l-interess tal-utenti u tal-importaturi, fid-dawl tal-allegat nuqqas fil-provvista, il-livell għoli tal-prezzijiet tal-azzar, u d-dewmien fil-provvista ddikjarat minn xi partijiet interessati, kif ukoll ir-rabta kawżali potenzjali bejn dawn l-effetti allegati u s-salvagwardja tal-azzar tal-Unjoni (ara t-Taqsima 5.2). Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-użu tat-TRQ taħt is-salvagwardja u d-disponibbiltà ġenerali tal-importazzjonijiet fil-provvista lejn is-suq tal-Unjoni.

5.1. **L-interess tal-produtturi tal-Unjoni**

(89) L-industrija tal-azzar tal-Unjoni għandha aktar minn 500 sit ta' produzzjoni li joperaw fi 23 Stat Membru tal-UE. L-industrija timpjega 330 000 persuna direttament, u meta jiġu inklużi impjiegi indiretti u indotti f'setturi oħra, toħloq 2,6 miljun impjieg madwar l-Unjoni ([52]).

(90) Fit-Taqsima 3.1.1, il-Kummissjoni ddeskriviet is-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni u kkonkludiet li kien meħtieġ li l-miżura tiġi estiża biex jiġi evitat jew irrimedjat dannu serju. Jekk il-miżura ma tiġix estiża, l-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni aktarx tiffaċċja mewġa sinifikanti ta' importazzjonijiet li jimminaw b'mod serju kwalunkwe sforz biex isir aġġustament għall-pressjoni tal-importazzjoni f'sitwazzjoni ekonomika ġenerali li għadha inċerta fl-Unjoni.

(91) Għalhekk, ikun fl-interess tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni li l-miżura tiġi estiża.

5.2. **L-interess tal-utenti u l-importaturi**

(92) Il-Kummissjoni osservat li l-miżura ta' salvagwardja ppermettiet li l-volumi tan-negozju storiċi jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni mingħajr dazju, u li ġiet liberalizzata b'mod regolari (billi żdiedu l-volumi tat-TRQ bi 3 % f'Lulju 2019 u f'Lulju 2020 rispettivament) ([53]). Għalhekk, il-volumi tan-negozju tradizzjonali żdiedu gradwalment taħt il-miżura ta' salvagwardja. Barra minn hekk, matul l-estensjoni tagħha, il-miżura ta' salvagwardja se tkompli tiġi liberalizzata.


5.2.1. *L-użu tat-TRQ taħt il-miżura u l-allegat nuqqas ta' provvista*

(93) Meta vvalutat l-użu tat-TRQ, il-Kummissjoni osservat li, matul l-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tas-salvagwardja, kien hemm volumi konsistenti (u dejjem akbar) ta' TRQ mingħajr dazju disponibbli fi tmiem kull perjodu rilevanti, virtwalment fil-kategoriji kollha ta' prodotti, spiss b'aktar minn kwota waħda speċifika għall-pajjiż disponibbli, u f'ħafna każijiet anke parti mill-kwota residwa. Il-Kummissjoni osservat ukoll li, mit-tieni sena ta' applikazzjoni tal-miżuri, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2019, ix-xejra fl-użu tat-TRQ esperjenzat tnaqqis qawwi. Għalhekk dan kien il-każ anke qabel il-pandemija tal-COVID-19.

([52]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Towards competitive and clean European steel" (Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif), SWD (2021) 353 final, 5.5.2021.

([53]) Il-Kummissjoni fakkret li kienet diġà żiedet il-flussi kummerċjali storiċi (il-medja tal-importazzjonijiet fl-2015 sal-2017) b'5 % madħul fis-seħħ tar-Regolament dwar Salvagwardji Definittivi.

(94) Din l-evoluzzjoni tidher b'mod ċar fit-Tabella 14 hawn taħt ([54]):



Sors: il-bażi tad-data dwar il-kwoti ta' TAXUD

(95) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li filwaqt li s-salvagwardja ssodisfat l-objettiv tagħha li tiskoraġġixxi devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali lejn is-suq tal-Unjoni, kien hemm biżżejjed volumi ta' TRQ mingħajr dazju disponibbli għall-importaturi u għall-utenti fl-Unjoni, b'mod proporzjonali għad-domanda u li jaqbżu l-volumi ġenerużi tan-negozju storiċi.

5.2.2. *Prezzijiet tal-azzar għoljin*


(96) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-evidenza disponibbli fir-rigward taż-żidiet fil-prezzijiet osservati fis-settur tal-azzar fl-ewwel xhur tal-2021 u f'parti mit-tieni nofs tal-2020. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħarset lejn jekk dawn iż-żidiet fis-suq tal-Unjoni u fis-suq dinji kinux marbuta mal-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tal-UE, u lejn l-impatt li din iż-żieda qed ikollha u/jew kieku jkollha fuq is-suq tal-Unjoni jekk il-miżura tas-salvagwardja tiġi estiża.

(97) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel osservat li huwa fatt mhux ikkontestat ([55]) li l-prezzijiet tal-azzar, inklużi dawk ta' xi kategoriji ta' prodotti fi ħdan il-prodott ikkonċernat, esperjenzaw żieda qawwija madwar id-dinja matul l-aħħar xhur (bdiet matul it-tieni nofs tal-2020) ([56]). Din ix-xejra u l-ambitu jidhru wkoll b'mod ċar fiċ-ċarts li jinsabu fil-Graffs 1-3 ([57]), li juru l-evoluzzjoni tal-prezz ta' tliet kategoriji ta' prodotti (il-Kategoriji 1, 4 u 13) ([58]):

([54]) Abbażi ta' kompilazzjoni tad-*data* disponibbli fil-bażi tad-*data* fi tmiem il-perjodu rispettiv.
([55]) Ara l-konfutazzjoni ta' EUROFER, p. 37-39.
([56]) Ara Steel Market developments tal-OECD fil-Q2 2021, tal-1 ta' Marzu 2021, l-illustrazzjonijiet 3, 4 u 5.
([57]) Sors: S&P Global Platts, ©2021 minn S&P Global, Inc. – *data* sal-11 ta' Mejju 2021.
([58]) L-għażla ta' dawn il-kategoriji mhijiex maħsuba li tkun eżawrjenti fl-ambitu tagħha, madankollu hija rilevanti biex tikkorrobora x-xejriet fil-prezzijiet imsemmija minn bosta partijiet interessati (fil-biċċa l-kbira utenti), minħabba li dawn il-kategoriji huma fost l-aktar rilevanti f'termini ta' volumi tal-importazzjoni u jikkonċernaw ukoll żewġ familji ta' prodotti (iċ-ċatti (il-Kategoriji 1 u 4) u t-twal (il-Kategorija 13).


Graff 1

Il-prezzijiet tal-azzar illaminat bis-sħana f'xi whud mill-pajjiżi prinċipali li jipproduċu l-azzar




Graff 2

Il-prezzijiet tal-azzar iggalvanizzat f'banju sħun f'xi whud mill-pajjiżi prinċipali li jipproduċu l-azzar



Graff 3


Il-prezzijiet tar-rebar f'xi whud mill-pajjiżi prinċipali li jipproduċu l-azzar



(98) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-prezzijiet tal-materja prima għall-produzzjoni tal-azzar, b'mod partikolari l-mineral tal-ħadid u r-ruttam, ukoll kienu qed jesperjenzaw żieda drastika matul l-istess perjodu meta l-prezzijiet tal-azzar bdew jiżdiedu, kif spjegat fil-premessa (91) (ara l-Graff 4) ([59]).

Graff 4

Evoluzzjoni tal-prezz tal-mineral tal-ħadid ([60])



(99) Ir-Rapport tal-OECD spjega li l-prezzijiet tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-azzar żdiedu b'mod drammatiku matul it-tieni nofs tal-2020, u minn Frar 2021, il-prezzijiet referenzjarji għall-mineral tal-ħadid, għall-faħam tal-kokk u għar-ruttam kienu ogħla b'97 %, 53 % u 56 % sena wara sena, rispettivament. ([61])

(100) Din l-informazzjoni tikkonferma l-istampa deskritta mill-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu fit-Tabelli 1 sa 4. B'mod partikolari, li ż-żieda fil-prezzijiet fit-tieni nofs tal-2020, flimkien ma' sinjali ta' rkupru fid-domanda, ikkontribwiet għat-titjib fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni minn sitwazzjoni preċedenti li kienet negattiva ħafna. Madankollu, din iż-żieda fil-prezz ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni terġa' lura għal marġnijiet profittabbli sa tmiem l-2020. Dan il-fatt huwa attribwibbli, mill-anqas parzjalment, għaż-żieda parallela fil-prezzijiet esperjenzata fil-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-azzar.

(101) F'dan ir-rigward, l-OECD osservat dan u li minkejja ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-azzar, il-marġni tal-prezzijiet tal-materja prima tal-azzar, imkejjel mid-differenza bejn il-prezz tal-azzar u basket ta' inputs tal-azzar, ma żdiedx minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima (Illustrazzjoni 9). Fil-fatt, il-basket tal-prezzijiet tal-materja prima użat biex jiġu kkalkulati l-marġnijiet kien 97 % ogħla fi Frar 2021, sena wara sena ([62]).

(102) Kif jidher fil-Graffs 1-3, il-Kummissjoni osservat ukoll li ż-żieda fil-prezzijiet tal-azzar ma hijiex fenomenu marbut mas-suq tal-Unjoni, iżda xejra mifruxa fis-swieq prinċipali tal-azzar madwar id-dinja.

([59]) *Ibid.* p. 24, it-Taqsima 6.2. Ara wkoll: Steel Plats Global "Fundamentals support strong iron ore prices in 2021: Platts Analytics", 4 ta' Mejju 2021: https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/metals/050421-fundamentals-support-strong-iron-ore-prices-in-2021-platts-analytics (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Mejju 2021); Financial Times "Iron ore price leaps 10 % on hopes of global economic recovery", l-10 ta' Mejju 2021: https://www.ft.com/content/e4c5d29b-51c2-4e8c-b87a-ad6cac924476 (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Mejju 2021); Argus Media "Australia extends forecasts for iron ore price strength", il-11 ta' Mejju 2021, https://www.argusmedia.com/en/news/2213766-australia-extends-forecasts-for-iron-ore-price-strength?backToResults=true (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Mejju 2021), Kallanish "Scrap exceeds $500 in Turkey", it-12 ta' Mejju 2021, https://www.kallanish.com/en/steel-news/market-reports/article-details/scrap-price-exceeds-dollar500t-in-turkey-0521/ (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Mejju 2021). Ara wkoll iż-żieda qawwija fl-ispejjeż tat-trasport, S&P Global Platts (il-25 ta' Marzu 2021) "High container freight rates leave commodity traders scrambling for alternatives: https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/shipping/032521-high-container-freight-rates-leave-commodity-traders-scrambling-for-alternatives

([60]) Silta minn Steel Plats Global "Fundamentals support strong iron ore prices in 2021: Platts Analytics", 4 ta' Mejju 2021, disponibbli fuq: https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/metals/050421-fundamentals-support-strong-iron-ore-prices-in-2021-platts-analytics (aċċessat l-aħħar fil-15 ta' Mejju 2021).

([61]) Ara Steel Making Developments tal-OECD, Q2 2021, tal-1 ta' Marzu 2021, p. 24.

([62]) *Ibid.* fil-p. 27.

(103) Madankollu, minkejja dan, kif jidher fit-Tabella 14, il-Kummissjoni osservat li kien hemm disponibbiltà kbira ta' kwoti mingħajr dazju minn diversi sorsi prattikament fil-kategoriji kollha ta' prodotti fl-aħħar perjodu tal-miżura, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2020 ([63]). Konsegwentement, is-salvagwardja ma llimitatx lill-utenti tal-Unjoni biex jixtru l-azzar esklużivament mill-produtturi tal-Unjoni bil-prezzijiet li dawn ikunu stabbilew, u b'hekk jitħallew mingħajr alternattiva oħra ta' provvista realistika (u mingħajr dazju). Għall-kuntrarju, l-utenti tal-Unjoni kellhom il-possibbiltà li jimportaw minn oriġini oħra taħt il-volumi rilevanti ta' TRQ mingħajr dazju disponibbli għal kull kategorija ta' prodotti.

(104) Il-Kummissjoni osservat ukoll li s-sottomissjonijiet ta' ċerti utenti allegaw li dawn ma setgħux jimportaw volumi akbar mingħajr dazju minn ċerti oriġini speċifiċi (dawn l-oriġini jvarjaw skont il-kategorija ta' prodotti inkwistjoni). Madankollu, il-Kummissjoni osservat li waħda mill-kundizzjonijiet ta' infurzar ta' salvagwardja hija li jiġi ppreservat li l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini kemm ta' volumi kif ukoll ta' oriġini jkomplu jkunu disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Il-fatt li pajjiż partikolari seta' eżawrixxa t-TRQ speċifiku għall-pajjiż tiegħu f'kategorija ta' prodotti speċifika, filwaqt li jkun hemm volumi u oriġini multipli b'TRQ mingħajr dazju disponibbli f'dik l-istess kategorija, ma jfissirx li l-miżura ta' salvagwardja qed toħloq nuqqas mhux dovut fis-suq.

(105) Għalhekk, dawn il-fatti jissuġġerixxu bil-qawwa li l-miżura ta' salvagwardja ma hijiex il-kawża taż-żieda osservata fil-prezz tal-azzar, u li din ma toħloqx nuqqas ġenerali ta' azzar fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx rabta diretta bejn il-miżura ta' salvagwardja u l-evoluzzjoni reċenti fil-livelli tal-prezzijiet tal-azzar. Barra minn hekk, mhuwiex evidenti li l-prezzijiet attwalment għoljin se jiġu sostnuti fit-tul, ladarba s-suq jaġġusta għal sitwazzjoni ta' wara l-pandemija tal-COVID-19. ([64])

5.2.3. *Allegat dewmien fil-provvista*

(106) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat id-dewmien allegat imġarrab mill-industrija tal-azzar tal-Unjoni fil-forniment tas-suq tal-Unjoni ([65]). Mill-investigazzjoni sar evidenti li fl-aħħar parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien hemm spariġġ tranżitorju bejn id-domanda u l-provvista fl-Unjoni (kif ukoll fi swieq terzi oħra) meta l-ekonomija bdiet tirkupra mill-qiegħ tar-reċessjoni dovuta għall-pandemija tal-COVID-19. ([66]) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-produtturi tal-azzar kellhom jirreaġixxu għat-tnaqqis f'daqqa u drastiku fid-domanda li seħħ fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ([67]). L-industrija tal-Unjoni waqqfet parti mill-kapaċità tagħha biex tnaqqas kemm jista' jkun l-ispejjeż fissi tagħha u biex tallinja l-kapaċità eżistenti mad-domanda eżistenti. Sussegwentement, aktar tard fl-2020 u fil-bidu tal-2021, id-domanda f'xi setturi li jużaw l-azzar esperjenzat irkupru rapidu u f'daqqa, eż. fis-settur awtomobilistiku ([68]).

(107) Din is-sitwazzjoni seħħet ukoll f'diversi swieq madwar id-dinja. F'dan ir-rigward, skont ir-Rapport l-aktar reċenti tal-OECD, il-kapaċità vasta għall-produzzjoni tal-azzar li tnaqqset temporanjament matul l-eqqel tal-pandemija ma setgħetx terġa' titħaddem malajr biżżejjed biex tissodisfa l-irkupru fid-domanda u l-istokkjar mill-ġdid tal-azzar, u dan wassal għal żieda rapida fil-prezzijiet globali tal-azzar ([69]).

(108) Bl-istess mod, S&P Platts Global osservat li minbarra ċ-Ċina, il-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum damet biex tirkupra wara l-lockdowns f'pajjiżi u reġjuni ewlenin. *L-output tal-Ewropa naqas b'7,1 % fis-sena f'Marzu, dak tal-Amerika ta' Fuq bi 8,9 % u dak tal-Indja bi 8,6 %, skont l-Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar. Fl-Istati Uniti, ir-rati ta' użu tal-*

([63]) Ara wkoll S&P Global Platts, l-14 ta' Mejju 2021, "Galvanized sheet supply squeeze, short imports leave EU buyers stranded" Galvanized sheet supply squeeze, short imports leave EU buyers stranded - EUROMETAL (aċċessat l-aħħar fil-15 ta' Mejju 2021).

([64]) Ara Fitch Ratings "Global Steel Price Rally Will Be Short-Lived" (it-2 ta' Frar 2021) https://www.fitchratings.com/research/corporate-finance/global-steel-price-rally-will-be-short-lived-02-02-2021 (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Mejju 2021). Ara wkoll IHS Markit, Steel Price Forecast and Market Outlook: https://ihsmarkit.com/solutions/steel-forecast.html (aċċessat l-aħħar fil-25 ta' Mejju 2021)

([65]) Allegazzjonijiet li saru minn bosta partijiet interessati.

([66]) Ara l-Prospettiva tas-Suq Globali ta' Diċembru 2020 u l-Prospettiva tas-Suq Globali ta' April 2021, S&P Global Platts (aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Mejju 2021).

([67]) Ara ċ-ċifri għall-konsum fit-Tabella 2.

([68]) Ara d-dikjarazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA) tat-3 ta' Frar 2020 https://www.acea.be/press-releases/article/covid-stakes-are-high-for-european-automotive-recovery-new-facts-and-figure, u tat-30 ta' Lulju 2020 https://www.acea.be/press-releases/article/eu-car-sales-covid-recovery-expected-to-start-in-2021-auto-industry-says

([69]) Ara Steel Making Developments (L-Iżviluppi fil-Produzzjoni tal-Azzar) tal-OECD, Q2 2021, tal-1 ta' Marzu 2021, p. 21.

kapaċità tal-imtieħen għadhom biss madwar 77 % meta mqabbla ma' 80 % f'Marzu tas-sena l-oħra qabel ma seħħet il-pandemija. Il-METI tal-Ġappun ibassar li l-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum tal-pajjiż hija ta' 23,24 miljun mt fi Q2, inqas mit-23,67 miljun fi Q1 ([70]). IHS Markit osserva wkoll li t-tħaddim mill-ġdid tal-fran u l-importazzjonijiet li qed jiżdiedu bil-qawwa qed jibdew itaffu l-kriżi fil-provvista ([71]).

(109) Biex tasal għal konklużjoni, il-Kummissjoni analizzat l-evidenza disponibbli fil-fajl dwar it-tkomplija tal-operazzjonijiet fil-linji ta' produzzjoni li kienu ġew imserrħa temporanjament mill-industrija tal-Unjoni matul il-pandemija.

(110) L-evidenza fil-fajl tindika żieda kostanti fil-kapaċità disponibbli fis-suq minn fran li twaqqfu fl-2020 ([72]). Il-Kummissjoni qieset li din l-evidenza turi li l-industrija tal-Unjoni qed twieġeb għall-irkupru ekonomiku f'ċerti setturi downstream fl-2021, u dan jenħtieġ li jirriżulta f'li hija tkun kapaċi tforni volumi akbar ta' azzar f'perjodu iqsar, u b'hekk jiġi restawrat bilanċ fis-suq ([73]).

(111) Ir-Rapport tal-OECD osserva wkoll, f'dan ir-rigward, li huwa mistenni b'mod wiesa' li l-provvista tal-azzar tlaħħaq mal-ordnijiet sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2021 ([74]). Tbassir simili huwa rifless minn bosta pubblikazzjonijiet speċjalizzati ([75]).

(112) Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-problemi tal-provvista esperjenzati wara l-irkupru fid-domanda kienu tranżitorji u li għalhekk, ir-ritorn għat-tħaddim ta' faċilitajiet wieqfa mill-industrija tal-Unjoni, li qed iseħħ, jenħtieġ li jgħin biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet normali tal-provvista tal-azzar ta' qabel il-pandemija jerġgħu jiġu stabbiliti f'perjodu raġonevolment qasir.

5.3. **Konklużjonijiet**

(113) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni reċenti kkonferma l-importanza li jkun hemm settur tal-azzar qawwi u kompetittiv fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa osserva li l-Istrateġija Industrijali tal-UE rrikonoxxiet ukoll li l-industriji intensivi fl-enerġija huma indispensabbli għall-ekonomija tal-Ewropa u li setturi oħrajn jiddependu fuqhom, u li s-settur tal-azzar u industriji oħrajn intensivi fl-enerġija għandhom rwol vitali fil-provvista ta' prodotti u servizzi lil firxa wiesgħa ta' ekosistemi industrijali tal-Ewropa ([76]).

(114) L-istess Dokument ta' Ħidma tal-Persunal osserva wkoll li l-azzar huwa input kruċjali għal bosta ekosistemi downstream, bħall-kostruzzjoni, il-mobbiltà u s-settur awtomobilistiku, jew għall-kumpaniji tal-inġinerija mekkanika. *Id-data dwar il-konsum tal-azzar għal kull settur turi li l-kostruzzjoni tirrappreżenta 35 % tal-użu tal-azzar fl-UE, is-settur awtomobilistiku jirrappreżenta 19 %, l-inġinerija mekkanika u s-settur tal-prodotti tal-metall jirrappreżentaw 15 % kull wieħed, u t-tubi jirrappreżentaw 10 %*. Kumpaniji attivi f'dawn is-setturi, li ħafna minnhom huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jimpjegaw miljuni ta' ħaddiema fl-Ewropa u jiddependu mill-produzzjoni tal-azzar

([70]) Ara S&P Global Platts, is-16 ta' April 2021, "Trade Review: Global steel imbalances present export opportunities in Q2" https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/metals/041621-trade-review-global-steel-imbalances-present-export-opportunities-in-q2 (aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Mejju 2021).

([71]) Ara IHS Markit, Steel Price Forecast and Market Outlook: https://ihsmarkit.com/solutions/steel-forecast.html (aċċessat l-aħħar fil-25 ta' Mejju 2021)

([72]) Ara l-Wirja 6 tal-konfutazzjoni tal-EUROFER, li fiha informazzjoni minn sorsi esterni li tikkonferma t-tħaddim mill-ġdid ta' diversi fran minn diversi produtturi tal-Unjoni f'dawn l-aħħar xhur.

([73]) Ara wkoll il-Prospettiva tas-Suq Globali ta' Diċembru 2020 u ta' April 2021, S&P Global Platts (aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Mejju 2021).

([74]) Ara Steel Making Developments tal-OECD, Q2 2021, tal-1 ta' Marzu 2021, p. 22.

([75]) Ara S&P Global Platts: "Steel supply should start to ease toward mid-year as production is restored", is-16 ta' April 2021, "Trade Review: Global steel imbalances present export opportunities in Q2" https://www.spglobal.com/platts/en/market-insights/latest-news/metals/041621-trade-review-global-steel-imbalances-present-export-opportunities-in-q2 (aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Mejju 2021). Ara wkoll Fitch Ratings "High EU Carbon Prices to Weigh on Steelmakers' Profitability" (Il-Prezzijiet tal-Karbonju Għoljin tal-UE se Jkollhom Effett fuq il-Profittabbiltà tal-Produtturi tal-Azzar), it-12 ta' Mejju 2021, https://www.fitchratings.com/research/corporate-finance/high-eu-carbon-prices-to-weigh-on-steelmakers-profitability-12-05-2021 (aċċessat l-aħħar fit-23 ta' Mejju 2021).

([76]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Towards competitive and clean European steel", SWD (2021) 353 final, 5.5.2021, p. 2.

tal-UE ([77]). Bl-istess mod, fl-2016, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni kienet diġà enfasizzat li *"bażi industrijali b'saħħitha hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa, għaż-żamma ta' impjiegi sostenibbli u għall-kompetittività tagħha fis-swieq globali"*, u li *"settur tal-azzar b'saħħtu jifforma l-bażi ta' ħafna ktajjen ta' valur industrijali"* ([78]).

(115) Il-Kummissjoni stabbiliet li huma ssodisfati r-rekwiżiti legali tan-neċessità u tal-aġġustament meħtieġa biex tiġi estiża miżura ta' salvagwardja.

(116) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll li tneħħija f'dan l-istadju tal-miżura ta' salvagwardja aktarx tikkawża żieda f'daqqa fl-importazzjoni u din il-ħaġa taggrava b'mod serju s-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, li għadha fraġli. Din l-eliminazzjoni kieku tipperikola l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni hekk kif l-ekonomija u l-kummerċ tal-Unjoni u dawk dinjija qed jirkupraw wara r-reċessjoni dovuta għall-pandemija tal-COVID-19, u għadhom ma rritornawx għall-kundizzjonijiet ta' qabel il-pandemija. Min-naħa tiegħu, dan l-iskoss fl-importazzjonijiet jirriskja li jelimina l-isforzi ta' aġġustament li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni qed tagħmel biex tadatta għal pressjoni tal-importazzjoni aktar qawwija li ġejja minn dinamika tas-suq b'distorsjoni serja kkawżata minn kapaċità żejda globali dejjem tikber, kif ukoll minn interventi mill-Istati.

(117) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll li ż-żidiet fil-prezzijiet tal-azzar osservati reċentement fis-suq tal-azzar tal-Unjoni ma jistgħux ikunu imputabbli għal, jew ikunu r-riżultat tas-salvagwardja tal-azzar tal-Unjoni, minħabba li prezzijiet għoljin simili jipprevalu wkoll fis-swieq dinjija u volumi kbar ta' TRQs mingħajr dazju xorta waħda għadhom mhux użati u disponibbli taħt is-salvagwardja.

(118) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat ukoll li, b'inqas minn xahar u nofs għal tmiem it-tielet sena tal-miżura, madwar 11-il miljun tunnellata ta' TRQ mingħajr dazju baqgħu ma ntużawx, jiġifieri 36 % tat-TRQ totali disponibbli ([79]). B'hekk intwera li fil-kategoriji ta' prodotti kollha, l-utenti kellhom il-possibbiltà li jiksbu biżżejjed azzar mingħajr dazju minn diversi sorsi, u li l-miżura ta' salvagwardja ma llimitatx il-provvista effettiva b'mod eċċessiv, la f'termini ta' volum u lanqas f'termini ta' oriġini.

(119) Fil-qosor, il-Kummissjoni sabet li huwa ċar li l-iżvantaġġi jekk is-salvagwardja titħalla tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021 ikunu ferm akbar minn kwalunkwe benefiċċju potenzjali li tista' ġġib magħha t-terminazzjoni tagħha.

(120) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa fl-interess ġenerali tal-Unjoni li l-miżura ta' salvagwardja tiġi estiża.

6. **PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW SOĠĠETTI GĦALL-MIŻURA TA' SALVAGWARDJA**

(121) Il-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li se jkomplu jkunu soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja tibqa' l-istess bħal dik inkluża fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2037. ([80])

7. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(122) Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 160 sottomissjoni ta' osservazzjonijiet u ta' konfutazzjonijiet mill-partijiet interessati, inklużi produtturi tal-azzar tal-Unjoni, utenti u importaturi tal-azzar tal-Unjoni, produtturi esportaturi u gvernijiet ta' pajjiżi terzi. F'din it-taqsima, il-Kummissjoni se tindirizza d-dikjarazzjonijiet li saru minn dawn il-partijiet interessati. Għall-finijiet tal-ekonomija amministrattiva, il-Kummissjoni ġabret id-dikjarazzjonijiet skont in-natura u l-kontenut. Fejn xieraq, il-Kummissjoni rreferiet għal sejbiet preċedenti f'dan ir-Regolament li diġà indirizzaw fid-dettall il-biċċa l-kbira mid-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet interessati.

([77]) *Ibid.* fil-p. 3.

([78]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, "Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa", COM(2016) 155 final, 16.3.2016, p. 2.

([79]) Din is-sitwazzjoni ta' volumi kbar ta' TRQ mhux użati fost il-kategoriji seħħet, fi gradi differenti, matul kull perjodu mill-impożizzjoni ta' miżura ta' salvagwardja proviżorja fit-18 ta' Lulju 2018. "Perjodu" jew "sena" skont il-miżura ta' salvagwardja kienet tinkludi dan li ġej: Perjodu/sena 1: it-18 ta' Lulju 2018 – it-30 ta' Ġunju 2019, il-perjodu/sena 2: l-1 ta' Lulju 2019 - it-30 ta' Ġunju 2020 u l-perjodu/sena 3: l-1 ta' Lulju 2020 – it-30 ta' Ġunju 2021.

([80]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2037 tal-10 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU L 416, 11.12.2020, p. 32.

7.1. **Rekwiżiti legali biex tiġi estiża miżura**

(123) Bosta partijiet interessati argumentaw li r-rekwiżit legali taż-żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet ma kienx issodisfat billi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-livell ġenerali tal-importazzjonijiet kien naqas; f'dawn iċ-ċirkostanzi, huma sostnew li l-Kummissjoni ma hijiex intitolata testendi s-salvagwardja. Barra minn hekk, xi partijiet argumentaw li kwalunkwe sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx tkun ir-riżultat ta' żieda fl-importazzjonijiet. Partijiet oħrajn iddikjaraw li l-effetti dderivati mill-pandemija tal-COVID-19, inkluż tnaqqis fid-domanda, ma jiġġustifikawx estensjoni tal-miżura. Fl-aħħar nett, partijiet oħra ddikjaraw li r-rekwiżiti legali biex tiġi estiża miżura huma l-istess bħal dawk għall-impożizzjoni ta' miżura oriġinali, inklużi żieda fl-importazzjonijiet, rabta kawżali u żviluppi imprevisti.

(124) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li r-rekwiżiti għall-estensjoni ta' miżura ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7.1 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji tad-WTO u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2015/478, jiġifieri l-ħtieġa li jiġu evitati jew rimedjati dannu serju u aġġustament kontinwu, ma jeħtiġux li sseħħ żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li hemm probabbiltà li, jekk tiskadi s-salvagwardja, l-importazzjonijiet jiżdiedu u dan jirriżulta f'dannu serju għall-interess tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat dawn id-dikjarazzjonijiet.

7.2. **L-industrija tal-Unjoni ma hijiex qed taġġusta**

(125) Bosta partijiet interessati sfidaw il-fatt li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni qed taġġusta u għalhekk iddikjaraw li dan ir-rekwiżit legali ma huwiex issodisfat.

(126) Il-Kummissjoni tirreferi għall-aġġustamenti deskritti fit-Taqsima 3.2. Il-miżuri u l-eżempji elenkati f'din it-taqsima juru li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni qed taġġusta permezz ta' bosta azzjonijiet immirati lejn l-effiċjenza u l-innovazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni rrifjutat dawn id-dikjarazzjonijiet.

(127) Bosta partijiet interessati argumentaw li l-miżuri ta' aġġustament tal-industrija tal-Unjoni kienu azzjonijiet ta' ristrutturar imwettqa matul il-pandemija tal-COVID-19 jew sempliċiment investiment regolari, parzjalment immotivat mill-politiki tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, aktar milli miżuri adottati fil-kuntest tat-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni *vis-à-vis* il-kompetizzjoni barranija. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li l-miżuri ta' aġġustament adottati mill-kumpaniji fi kwalunkwe kuntest, normalment jirreaġixxu għal ħafna raġunijiet differenti u fl-istess ħin għandhom ħafna objettivi. Fil-każ tas-salvagwardja, tabilħaqq kif iddikjarat fit-taqsima ta' aġġustament, xi whud mill-aġġustamenti li saru mill-industrija tal-azzar tal-Unjoni kellhom ukoll l-għan, fost objettivi oħra, li jimmitigaw l-iskossi u l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija jew li jissodisfaw l-impenji ambjentali tal-UE. Madankollu, fi kwalunkwe każ, dawn it-tipi ta' aġġustamenti huma wkoll miżuri li jadattaw l-attivitajiet tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni għal sitwazzjoni b'livell ogħla ta' importazzjonijiet u pressjoni tal-importazzjoni, f'konformità mal-linji gwida u l-objettivi tal-politika industrijali tal-UE deskritti fl-istess taqsima. Pereżempju, l-installazzjoni ta' Arvedi ([81]) ta' forn elettriku ġdid effiċjenti ħafna fil-linja ta' produzzjoni tagħha kellha l-għan li ssir aktar kosteffiċjenti filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex jiġu ġġustifikati dawn id-dikjarazzjonijiet, u rrifjutathom.

7.3. **L-ebda riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali mill-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti**

(128) Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti rigward l-azzar ma għadhomx jippreżentaw riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, billi s-suq ikun aġġusta lilu nnifsu f'dawn l-aħħar tliet snin. Barra minn hekk, xi partijiet jiddikjaraw li l-eżenzjonijiet fis-seħħ skont dik il-miżura, fi kwalunkwe każ kieku fil-biċċa l-kbira jnaqqsu r-riskju ta' kwalunkwe devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali lejn is-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, xi partijiet iddikjaraw ukoll li l-livell tal-prezzijiet fl-Istati Uniti huwa sostanzjalment ogħla minn ta' swieq oħra u għalhekk jagħmel id-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali inqas probabbli.

(129) Fir-rigward tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, il-Kummissjoni tirreferi għat-Tabella 7 li turi li l-importazzjonijiet lejn l-Istati Uniti naqsu drastikament wara l-impożizzjoni tagħhom u li swieq oħrajn ma assorbewx dak il-volum żejjed. Rigward l-eżenzjonijiet fis-seħħ, il-Kummissjoni osservat li f'ċerti każijiet, pereżempju l-Kanada u l-Messiku (li huma fost l-akbar pajjiżi esportaturi lejn l-Istati Uniti), dawn l-eżenzjonijiet ma għandhom l-ebda effett fuq ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali billi dawn il-pajjiżi għandhom volumi tal-esportazzjoni tal-azzar negliġibbli fis-suq tal-Unjoni. Il-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn l-UE għadhom soġġetti għall-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti u għandhom biżżejjed kapaċità biex iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE. L-analiżi individwali tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tagħhom mill-impożizzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti turi tnaqqis kostanti ([82]). Għalhekk, kwalunkwe eżenzjoni li tista' tkun fis-seħħ ma tnaqqasx ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. Fl-aħħar nett, il-fatt li l-prezzijiet fl-Istati Uniti huma

([81]) Għal deskrizzjoni dettaljata ta' dan il-proġett ara l-fajl "Start-up of the new Tenova Consteel® EAF at Arvedi Plant, Cremona, Italy - TENOVA.pdf" fl-Anness 19 fis-sottomissjoni ta' EUROFER.

([82]) Ara l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fit-Tabella 9.

oġħla ma jinvalidax is-sejba li għad hemm riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. Fil-fatt, il-Kummissjoni tindika x-xejriet tal-importazzjoni fl-Istati Uniti mill-2018 'l hawn. Dan it-tnaqqis enormi fl-importazzjonijiet huwa marbut biż-żmien bl-impożizzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. Għalhekk, il-fatt li l-Istati Uniti jista' jkollhom prezzijiet domestiċi oġħla minn swieq oħra ma waqqafx lill-importazzjonijiet milli jonqsu b'mod sostanzjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

7.4. **L-iżviluppi tal-kapaċità żejda u r-rabta mad-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali**

(130) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li l-kapaċità żejda kienet qed tonqos u li anke li kieku l-kapaċità żejda kellha tkompli fis-settur tal-azzar, dan ma jfissirx awtomatikament li din se twassal għal devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali lejn is-suq tal-Unjoni.

(131) Il-Kummissjoni qieset li l-evoluzzjoni tal-kapaċità żejda f'dawn l-aħħar snin hija ċara, u tirreferi għat-Taqsima 3.1.2.d. Għalhekk, l-affermazzjonijiet li din qed titnaqqas huma kontradetti b'mod ċar mill-evidenza. It-tieni nett, fil-kuntest deskritt, jiġifieri, tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, tnaqqis fil-konsum domestiku, prezzijiet oġħla miksuba fl-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni meta mqabbla ma' swieq oħra, bl-UE tkun l-akbar suq importatur u għalhekk kapaċi tassorbi volumi kbar, l-imġiba tal-esportazzjoni taħt is-sistema tat-TRQ, ikun kontra kull loġika ekonomika li jiġi miċħud li l-pajjiżi esportaturi jkollhom inċentiv ċar biex iżidu l-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom sabiex ibigħu volumi akbar fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni osservat li s-sejbiet ta' din l-investigazzjoni, f'kuntest ta' kapaċità żejda globali sinifikanti stabbilita (inkluż fost il-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar lejn l-Unjoni), joħolqu probabbiltà qawwija li l-importazzjonijiet fl-Unjoni kieku jiżdiedu sostanzjalment jekk tiskadi l-miżura ta' salvagwardja.

7.5. **Dikjarazzjonijiet li jappartjenu għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti**

(132) Bosta partijiet interessati talbu li kategorija ta' prodotti partikolari tiġi eskluża mill-miżura, jew li tingħata trattament speċjali fi ħdan il-miżura jekk din kienet se tiġi estiża. L-argumenti li jappoġġaw dawn id-dikjarazzjonijiet kienu diversifikati.

(133) Madankollu, il-Kummissjoni osservat li l-ambitu ta' din l-investigazzjoni kien limitat għall-valutazzjoni ta' jekk il-miżura, fil-forma attwali tagħha, jenħtiġx li tiġi estiża fiż-żmien jew le. Għalhekk, l-investigazzjoni ma kopriet l-ebda modifika potenzjali għall-funzjonament tal-miżura li taffettwa l-kategoriji ta' prodotti individwali. Għalhekk, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew rifjutati billi ma humiex pertinenti skont il-qafas ta' din l-investigazzjoni.

7.6. **L-importazzjonijiet minn pajjiż partikolari jew f'kategorija ta' prodotti partikolari mhumiex responsabbli għal żieda fl-importazzjonijiet/fid-dannu/fil-kapaċità żejda**

(134) Xi partijiet interessati jiddikjaraw li ċerti kategoriji ta' prodotti, *fost oħrajn* 1, 2, 3B, 4B, 6, 16, 18, 20, 21, 22, 24 u 25A, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura f'każ ta' estensjoni, minħabba li jew it-TRQs huma allegatament restrittivi wisq, jew li t-TRQs baqgħu ma ntużawx, jew li l-volumi tal-importazzjoni tal-kategorija kkonċernata reċentement naqsu.

(135) Il-Kummissjoni tfakkar li l-miżura ta' salvagwardja ma tiġix adottata kontra pajjiż ta' oriġini partikolari jew kontra kategorija ta' prodotti waħda. Minflok, il-miżura hija fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat (ċerti prodotti tal-azzar) minn diversi oriġini. Għalhekk, kwalunkwe dikjarazzjoni bbażata fuq pajjiż jew kategorija ta' prodotti individwali tmur kontra l-prinċipju tal-miżura. Bħal fil-kuntest tas-salvagwardja oriġinali, u kif spjegat fit-Taqsima 3.1.1., il-Kummissjoni eżaminat is-sitwazzjoni abbażi tal-prodott ikkonċernat fl-intier tiegħu (jiġifieri s-26 kategorija ta' prodotti tal-azzar) u kkonfermat l-analiżi tagħha abbażi ta' tliet familji ta' prodotti.

7.7. **Xi pajjiżi ddikjaraw esklużjoni jekk il-miżura tiddewwem minħabba fi ftehimiet kummerċjali bilaterali fis-seħħ mal-Unjoni Ewropea**

(136) Xi pajjiżi terzi, inklużi xi whud li magħhom l-Unjoni għandha ftehimiet kummerċjali bilaterali fis-seħħ, talbu li l-Kummissjoni teskludihom mill-miżura jekk din tiġi estiża. Xi whud minn dawn il-pajjiżi rreferew għal dispożizzjonijiet speċifiċi fil-ftehimiet bilaterali rispettivi tagħhom bħala argument għall-esklużjoni.

(137) Il-Kummissjoni osservat li l-ebda wieħed minn dawn il-ftehimiet ma jipprevedi l-esklużjoni ta' miżura ta' salvagwardja multilaterali bħal dik inkwistjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li skont dawn il-ftehimiet bilaterali, hija ma tinsab taħt l-ebda obbligu legali li teskludi lil kwalunkwe wieħed minn dawn il-pajjiżi mill-miżura, u rrifjutat dawn id-dikjarazzjonijiet kif xieraq.

7.8. **Ir-riskju ta' riekwilibriju**

(138) Xi partijiet interessati ddikjaraw li minħabba li l-pajjiżi esportaturi jkunu intitolati jfittxu kumpens u fin-nuqqas ta' ftehim, bilanċjar mill-ġdid kontra l-Unjoni u li għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma testendix il-miżura ta' salvagwardja.

(139) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija konxja mill-qafas legali applikabbli f'dawk il-każijiet fejn miżura ddum aktar minn tliet snin. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li l-Ftehim dwar is-Salvagwardji tad-WTO u r-Regolament (UE) 2015/478 jippermettu li miżura ddum aktar minn tliet snin jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet legali. Għalhekk, il-Kummissjoni, billi testendi l-miżura lil hinn minn tliet snin meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti, qed teżerċita d-dritt ġuridiku tagħha skont ir-regoli tad-WTO u tal-UE.

7.9. **Illegali li l-miżura tiġi estiża fuq bażi tal-EU27**

(140) Xi partijiet interessati ddikjaraw li minħabba li l-miżura oriġinali kienet ibbażata fuq id-*data* tal-EU28, l-estensjoni tagħha abbażi tal-EU27 tkun illegali.

(141) Il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni attwali tar-rieżami hija bbażata fuq l-EU27. L-ebda parti interessata ma kkontestat li l-miżura ta' salvagwardja oriġinali, adottata abbażi ta' dik li kienet f'dak iż-żmien l-EU28, kienet illegali. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja fid-dawl tal-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni diġà seħħ permezz tar-Regolament (UE) 2020/2037 ([83]). Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din id-dikjarazzjoni.

7.10. **Il-protezzjoni mogħtija permezz ta' dazji anti-dumping u kumpensatorji hija biżżejjed għall-industrija tal-azzar tal-Unjoni**

(142) Xi partijiet interessati argumentaw li l-miżuri anti-dumping u antisussidji diġà jipproteġu b'mod suffiċjenti lill-industrija tal-Unjoni kontra importazzjonijiet inġusti, u li s-salvagwardji allegatament jipprevedu protezzjoni eċċessiva li tagħti lill-industrija tal-Unjoni vantaġġ addizzjonali fil-pożizzjoni dominanti tagħhom fis-suq tal-Unjoni.

(143) Il-Kummissjoni tfakkar li d-dazji anti-dumping u kumpensatorji jindirizzaw prattiki kummerċjali inġusti, filwaqt li s-salvagwardji pjuttost jindirizzaw kwistjoni ta' volumi akbar. Il-Kummissjoni għandha stabbilit l-hekk imsejjaħ "regolament dwar ir-rimedju doppju" għal dawk l-importazzjonijiet soġġetti kemm għal salvagwardji kif ukoll għal dazji anti-dumping u/jew kumpensatorji ([84]). Dan ir-regolament jiżgura li meta l-importazzjonijiet taħt is-salvagwardja jaqbżu l-volum ta' TRQ mingħajr dazju, il-25 % ma jiġix akkumulat mad-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorju applikabbli sabiex ma jwassalx għal effett fuq il-kummerċ akbar milli jkun mixtieq. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni rrifjutat id-dikjarazzjonijiet ta' rimedju doppju.

(144) Barra minn hekk, l-allegata protezzjoni mogħtija permezz tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ tal-UE (dazji anti-dumping u kumpensatorji) hija insuffiċjenti għall-finijiet tal-investigazzjoni attwali dwar is-salvagwardja, kif jidher fit-Taqsima 3.1. Il-maġġoranza tal-fatturi tad-dannu marru għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(145) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

([83]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2037 tal-10 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU L 416, 11.12.2020, p. 32.

([84]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja, ĠU L 227, 3.9.2021, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/159 huwa emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 10, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2024";

2) L-Anness IV huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-24 ta' Ġunju 2021

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS IV

IV.1 – Volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-Prodott	Kodiċi NM	Allokazzjoni skont il-pajjiż (Fejn Applikabbli)	Sena 1				Sena 2				Sena 3				Rata tad-dazju addizzjonali	Numri tal-ordni
				Mill-1.7.2021 sat-30.9.2021	Mill-01.10.2021 sal-31.12.2021	Mill-1.1.2022 sal-31.3.2022	Mill-1.4.2022 sat-30.6.2022	Mill-1.7.2022 sat-30.9.2022	Mill-01.10.2022 sal-31.12.2022	Mill-1.1.2023 sal-31.3.2023	Mill-1.4.2023 sat-30.6.2023	Mill-1.7.2023 sat-30.9.2023	Mill-01.10.2023 sal-31.12.2023	Mill-1.1.2024 sal-31.3.2024	Mill-1.4.2024 sat-30.6.2024		
				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)					
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Llaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 99, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99	Il-Federazzjoni Russa	416 848,18	416 848,18	407 786,27	412 317,22	429 353,63	429 353,63	420 019,85	424 686,74	442 234,24	442 234,24	432 620,45	437 427,34	25 %	09 8966
			It-Turkija	330 387,67	330 387,67	323 205,33	326 796,50	340 299,30	340 299,30	332 901,49	336 600,40	350 508,28	350 508,28	342 888,54	346 698,41	25 %	09 8967
			L-Indja	169 717,08	169 717,08	166 027,58	167 872,33	174 808,60	174 808,60	171 008,41	172 908,50	180 052,85	180 052,85	176 138,66	178 095,76	25 %	09 8968
			Il-Korea, ir-Repubblika ta'	135 867,52	135 867,52	132 913,87	134 390,70	139 943,54	139 943,54	136 901,29	138 422,42	144 141,85	144 141,85	141 008,33	142 575,09	25 %	09 8969
			Ir-Renju Unit	120 514,16	120 514,16	117 894,29	119 204,23	124 129,59	124 129,59	121 431,12	122 780,35	127 853,48	127 853,48	125 074,05	126 463,76	25 %	09 8976
			is-Serbja	119 634,36	119 634,36	117 033,62	118 333,99	123 223,40	123 223,40	120 544,63	121 884,01	126 920,10	126 920,10	124 160,96	125 540,53	25 %	09 8970
			Pajjiżi ohra	1 020 975,90	1 020 975,90	998 780,77	1 009 878,34	1 051 605,18	1 051 605,18	1 028 744,20	1 040 174,69	1 083 153,33	1 083 153,33	1 059 606,52	1 071 379,93	25 %	(1)
2	Folji Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Llaminati bis-Shana	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00	L-Indja	150 937,31	150 937,31	147 656,06	149 296,69	155 465,43	155 465,43	152 085,74	153 775,59	160 129,39	160 129,39	156 648,32	158 388,85	25 %	09 8801
			Il-Korea, ir-Repubblika ta'	87 540,62	87 540,62	85 637,56	86 589,09	90 166,83	90 166,83	88 206,69	89 186,76	92 871,84	92 871,84	90 852,89	91 862,36	25 %	09 8802
			Ir-Renju Unit	80 906,72	80 906,72	79 147,88	80 027,30	83 333,92	83 333,92	81 522,32	82 428,12	85 833,94	85 833,94	83 967,99	84 900,96	25 %	09 8977
			l-Ukrajna	67 209,91	67 209,91	65 748,82	66 479,37	69 226,21	69 226,21	67 721,29	68 473,75	71 302,99	71 302,99	69 752,93	70 527,96	25 %	09 8803
			Il-Brażil	43 002,88	43 002,88	42 068,04	42 535,46	44 292,97	44 292,97	43 330,08	43 811,52	45 621,76	45 621,76	44 629,98	45 125,87	25 %	09 8804
			Is-Serbja	38 107,42	38 107,42	37 279,00	37 693,21	39 250,64	39 250,64	38 397,37	38 824,00	40 428,16	40 428,16	39 549,29	39 988,72	25 %	09 8805
			Pajjiżi ohra	265 739,79	265 739,79	259 962,84	262 851,32	273 711,99	273 711,99	267 761,73	270 736,86	281 923,35	281 923,35	275 794,58	278 858,96	25 %	(2)

3.A:	Folji Elettriċi (ghajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10	Il-Federazzjoni Russa	350,64	350,64	343,02	346,83	361,16	361,16	353,31	357,24	372,00	372,00	363,91	367,95	25 %	09 8808
			Ir-Renju Unit	300,46	300,46	293,93	297,19	309,47	309,47	302,74	306,11	318,76	318,76	311,83	315,29	25 %	09 8978
			L-Iran, ir-Repubblika Iżlamika ta'	153,51	153,51	150,17	151,84	158,11	158,11	154,67	156,39	162,86	162,86	159,31	161,08	25 %	09 8809
			Il-Korea, ir-Repubblika ta'	124,95	124,95	122,24	123,59	128,70	128,70	125,90	127,30	132,56	132,56	129,68	131,12	25 %	09 8806
			Pajjiżi ohra	757,52	757,52	741,05	749,28	780,24	780,24	763,28	771,76	803,65	803,65	786,18	794,91	25 %	(1)
3.B:		7225 19 90, 7226 19 80	Il-Federazzjoni Russa	35 467,36	35 467,36	34 696,33	35 081,85	36 531,38	36 531,38	35 737,22	36 134,30	37 627,33	37 627,33	36 809,34	37 218,33	25 %	09 8811
			Il-Korea, ir-Repubblika ta'	21 197,70	21 197,70	20 736,88	20 967,29	21 833,63	21 833,63	21 358,98	21 596,30	22 488,64	22 488,64	21 999,75	22 244,19	25 %	09 8812
			Iċ-Ċina	16 317,74	16 317,74	15 963,01	16 140,38	16 807,27	16 807,27	16 441,90	16 624,59	17 311,49	17 311,49	16 935,16	17 123,32	25 %	09 8813
			It-Tajwan	12 242,39	12 242,39	11 976,25	12 109,32	12 609,66	12 609,66	12 335,54	12 472,60	12 987,95	12 987,95	12 705,60	12 846,77	25 %	09 8814
			Pajjiżi ohra	6 343,40	6 343,40	6 205,50	6 274,45	6 533,71	6 533,71	6 391,67	6 462,69	6 729,72	6 729,72	6 583,42	6 656,57	25 %	(4)
4.A:	Folji Miksija Metalliċi	Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 41 00 30, 7210 49 00 20, 7210 49 00 30, 7210 61 00 20, 7210 61 00 30, 7210 69 00 20, 7210 69 00 3-3-0,7212 30 00 20, 7212 30 00 30, 7212 50 61 20, 7212 50 61 30, 7212 50 69 20, 7212 50 69 30, 7225 92 00 20, 7225 92 00 30, 7225 99 00 11, 7225 99 00 22, 7225 99 00 23, 7225 99 00 41, 7225 99 00 45, 7225 99 00 91, 7225 99 00 92, 7225 99 00 93, 7226 99 30 10, 7226 99 30 30, 7226 99 70 11, 7226 99 70 13, 7226 99 70 91, 7226 99 70 93, 7226 99 70 94	Il-Korea (ir-Repubblika ta')	41 143,14	41 143,14	40 248,72	40 695,93	42 377,43	42 377,43	41 456,18	41 916,81	43 648,76	43 648,76	42 699,87	43 174,31	25 %	09 8816
			L-Indja	49 651,09	49 651,09	48 571,72	49 111,41	51 140,63	51 140,63	50 028,87	50 584,75	52 674,84	52 674,84	51 529,74	52 102,29	25 %	09 8817
			Ir-Renju Unit	32 719,57	32 719,57	32 008,27	32 363,92	33 701,16	33 701,16	32 968,52	33 334,84	34 712,19	34 712,19	33 957,58	34 334,88	25 %	09 8979
			Pajjiżi ohra	515 437,29	515 437,29	504 232,13	509 834,71	530 900,41	530 900,41	519 359,09	525 129,75	546 827,42	546 827,42	534 939,87	540 883,64	25 %	(1)

4.B:		Kodiċijiet NM: 7210 20 00, 7210 30 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 90, 7225 91 00, 7226 99 10 Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 80, 7210 49 00 80, 7210 61 00 80, 7210 69 00 80, 7212 30 00 80, 7212 50 61 80, 7212 50 69 80, 7225 92 00 80, 7225 99 00 25, 7225 99 00 95, 7226 99 30 90, 7226 99 70 19, 7226 99 70 96	Iċ-Ċina	118 740,90	118 740,90	116 159,58	117 450,24	122 303,13	122 303,13	119 644,36	120 973,74	125 972,22	125 972,22	123 233,69	124 602,96	25 %	09 8821
			Il-Korea (ir-Repubblika ta')	147 586,85	147 586,85	144 378,44	145 982,65	152 014,46	152 014,46	148 709,80	150 362,13	156 574,89	156 574,89	153 171,09	154 872,99	25 %	09 8822
			L-Indja	70 861,27	70 861,27	69 320,81	70 091,04	72 987,11	72 987,11	71 400,43	72 193,77	75 176,72	75 176,72	73 542,44	74 359,58	25 %	09 8823
			Ir-Renju Unit	32 719,57	32 719,57	32 008,27	32 363,92	33 701,16	33 701,16	32 968,52	33 334,84	34 712,19	34 712,19	33 957,58	34 334,88	25 %	09 8980
			Pajjiżi oħra	23 414,67	23 414,67	22 905,65	23 160,16	24 117,11	24 117,11	23 592,82	23 854,97	24 840,62	24 840,62	24 300,61	24 570,61	25 %	(6)
5	Folji b'kisja organika	7210 70 80, 7212 40 80	L-Indja	72 733,52	72 733,52	71 152,36	71 942,94	74 915,53	74 915,53	73 286,93	74 101,23	77 162,99	77 162,99	75 485,54	76 324,26	25 %	09 8826
			Il-Korea, ir-Repubblika ta'	65 734,04	65 734,04	64 305,04	65 019,54	67 706,06	67 706,06	66 234,19	66 970,13	69 737,25	69 737,25	68 221,22	68 979,23	25 %	09 8827
			Ir-Renju Unit	32 273,02	32 273,02	31 571,43	31 922,23	33 241,21	33 241,21	32 518,58	32 879,90	34 238,45	34 238,45	33 494,13	33 866,29	25 %	09 8981
